MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2021

Appell Inferjuri Numru 7/2018 LM

**Del Ponte Limited (C 36269)**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Avantgarde Projects Limited (C 37657)**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **Avantgarde Projects Limited (C 37657)**, [hawnhekk 'l-appellanta'], minn deċiżjoni tat-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], tat-2 ta' Ottubru, 2017 [minn issa 'l quddiem 'il-lodo arbitrali'], li permezz tiegħu t-Tribunal iddeċieda li s-soċjetà rikorrenti **Del Ponte Limited (C**

**36269)**, [hawnhekk 'l-appellata'], ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tqabbad lil terzi sabiex ikomplu x-xogħlijiet, wara li s-soċjetà intimata abbandunat ix-xogħol, meta s-soċjetà rikorrenti m'għamlitx ħlasijiet addizzjonali wara li ġie allegat li kienu saru ħlasijiet lis-soċjetà intimata li kienu jeċċedu l-valur tax-xogħol li hija kienet wettqet sa dik id-data. It-Tribunal ikkonkluda li l-valur tax-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà intimata, jammonta għal €434,142.89, sabiex b'hekk ġie deċiż li l-ammont ta' pagamenti mħallsa lis-soċjetà intimata li jeċċedu l-valur tax-xogħlijiet li għamlet huwa ta' €35,857.11. It-Tribunal iddeċieda wkoll li s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tkompli bl-i*status quo*, għaliex id-danni sofferti minnha setgħu jkunu ferm akbar. It-Tribunal ikkonkluda wkoll li s-soċjetà intimata ma kisritx il-kuntratt ta' appalt għaliex id-dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol ma kienx tort esklussivament tagħha. Ġie deċiż ukoll li wħud mix-xogħlijiet li saru mis-soċjetà intimata ma sarux skont is-sengħa u l-arti, imma m'hemmx lok għal-likwidazzjoni tad-danni. It-Tribunal iddeċieda wkoll li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mis-soċjetà rikorrenti u nofs mis-soċjetà intimata.

**<u>Fatti</u>**

2. Fl-i*statement of claim* tagħha, is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija kienet tat żewġ kuntratti ta' appalt, wieħed fis-26 ta' Jannar, 2009 u l-ieħor fil-21 ta' Novembru, 2009, lis-soċjetà intimata, sabiex din tagħmel ix-xogħlijiet indikati fl-istess kuntratti fi proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, ġewwa Portico Buildings, Marina Street, Pietà. Skont dawn il-kuntratti, ix-xogħlijiet kellhom jitlestew sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 2010, u kien hemm xogħlijiet li ġew esklużi

mill-kuntratt oriġinali u xogħlijiet oħra li żdiedu bi qbil bejn il-partijiet, għalkemm il-ftehim kien li l-valur tax-xogħlijiet kollha li kellhom isiru mis-soċjetà intimata kellu jammonta għal madwar €422,901.57. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li sal-aħħar ta' Awwissu 2010, hija kienet diġà ħallset lis-soċjetà intimata l-ammont ta' €470,000. Spjegat ukoll li s-soċjetà intimata tħallset żejjed l-ammont ta' €47,098.43, imma minkejja dan din xorta waħda rrifjutat li tkompli x-xogħlijiet jekk ma tirċevix aktar pagamenti mingħand is-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li minkejja l-ħlas eċċessiv li kien sar minnha, is-soċjetà intimata rrifjutat li tkompli taħdem, u għalhekk abbandunat ix-xogħol. Żiedet tgħid li f'dan iż-żmien bdew jitfaċċaw difetti fix-xogħol tas-soċjetà intimata, liema difetti kienu ta' natura serjissima, bħal ingress ta' ilmijiet, minkejja li kien sar xogħol ta' *waterproofing* fil-post, bi ħsara konsegwenzjali għas-soffitti, il-*light fittings* u l-*airconditioning units.* Kompliet tgħid li apparti dan, kien hemm difetti oħra li juru li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa. Żiedet tgħid li l-*cladding* mal-faċċata beda jinqala' minn postu, u ġie ċċertifikat minn perit li kellu jsir mill-ġdid, sabiex titneħħa l-ħsara. Is-soċjetà rikorrenti qalet li għalkemm is-soċjetà intimata intalbet tirrimedja dawn id-difetti diversi drabi, din baqgħet inadempjenti. Kompliet tgħid li minkejja l-ħlas eċċessiv li sar, il-fatt li l-intimata abbandunat l-appalt, il-fatt li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti, u d-danni serjissimi li ġew ikkaġunati lis-soċjetà rikorrenti li ma setgħetx tuża l-uffiċini tagħha, is-soċjetà intimata rreġistrat privileġġ fuq il-proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, għall-valur ta' €95,787.75. Kompliet tgħid li din ir-reġistrazzjoni hija bla bażi legali u għalhekk hija abbużiva, u kien għalhekk li fit-3 ta' Mejju, 2012 is-soċjetà rikorrenti formalment innotifikat lis-soċjetà intimata li kienet ser tittermina l-appalt, u

talbet ir-rifużjoni tal-ħlasijiet kollha li tħallsu in eċċess u talbet ukoll il-likwidazzjoni tad-danni kkaġunati mis-soċjetà intimata.

**Mertu**

3. Fit-talbiet tagħha lit-Tribunal, is-soċjetà rikorrenti talbet li: (i) jiġi dikjarat li hija kellha raġuni valida sabiex tittermina l-kuntratti ta' appalt mogħtija lis-soċjetà intimata; (ii) jiġi likwidat il-valur tax-xogħol siewi li sar mis-soċjetà intimata fil-kuntratti ta' appalt imsemmija; (iii) jiġi iffissat il-valur tal-ħlas in eċċess li s-soċjetà rikorrenti għamlet favur is-soċjetà intimata; (iv) is-soċjetà intimata tiġi ordnata tirrifondi lis-soċjetà rikorrenti l-ammont imħallas in eċċess; (v) jiġi dikjarat li l-privileġġ rreġistrat bin-numru 6904/11 kien abbużiv, peress li mhux minnu li hemm kreditu favur is-soċjetà intimata, u għalhekk għandu jiġi ordnat il-kanċellament ta' dan il-privileġġ; (vi) jiġi ordnat li l-eventwali lodo li jingħata jiġi notifikat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku; (vii) jiġi dikjarat li s-soċjetà intimata kisret il-kuntratt ta' appalt mogħti lilha għaliex kienet tardiva fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet li kellhom jiġu esegwiti minnha; (viii) jiġi dikjarat li x-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti; (ix) jiġu likwidati d-danni kkaġunati lis-soċjetà rikorrenti għaliex ix-xogħlijiet baqgħu ma ġewx esegwiti in toto u minħabba l-fatt li x-xogħol ma sarx skont l-arti u s-sengħa; u (x) is-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati.

4. Is-soċjetà intimata wieġbet li s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex raġuni valida għalfejn tittermina l-kuntratt ta' appalt, għaliex hija stess kienet inadempjenti, u għalhekk apparti l-valur tax-xogħol siewi li laħaq sar mis-

soċjetà intimata, hija intitolata wkoll għat-telf ta' profitti fuq il-kumplament tax-xogħlijiet mogħtija lilha. Is-soċjetà intimata eċċepiet li għalhekk mhuwa dovut l-ebda ammont lis-soċjetà rikorrenti, għaliex kif intqal tajjeb fl-*istatement of claim* tas-soċjetà rikorrenti, filwaqt li ġew esklużi xi xogħlijiet mill-kuntratt oriġinali, ġew miżjuda xi xogħlijiet ta' entità rilevanti li tellgħu l-ammont miftiehem oriġinarjament minn €422,901.57 għal €565,787.75. Is-soċjetà intimata eċċepiet li għalhekk is-somma ta' €470,000 imħallsa akkont hija ferm inferjuri għas-somma dovuta, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti hija debitriċi tas-soċjetà intimata. Qalet li għalhekk il-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet tas-soċjetà rikorrenti, għandhom jiġu miċħuda għaliex kienet is-soċjetà rikorrenti li naqset milli tħallas għax-xogħlijiet kollha imwettqa, u kien għalhekk li s-soċjetà intimata kellha twaqqaf ix-xogħlijiet u tiskrivi l-privileġġ kontra s-soċjetà rikorrenti għall-ammont ta' €95,787.75. Kompliet tgħid li minħabba li x-xogħlijiet 'żejda' mitluba kienu rilevanti, it-terminu miftiehem oriġinarjament ma baqax applikabbli, u apparti minn hekk kienet is-soċjetà rikorrenti li naqset milli timxi mal-programm miftiehem billi damet ma ordnat u/jew installat *air conditioning units* u *fresh air systems* li kellhom jiġu installati qabel sabiex is-soċjetà intimata setgħet twettaq x-xogħlijiet li kellha tagħmel. Is-soċjetà intimata qalet li min-naħa tagħha hija talbet diversi drabi lill-perit tas-soċjetà rikorrenti jinfurmaha bix-xogħlijiet rimedjali li kienu meħtieġa, iżda dan baqa' qatt ma wieġeb u għalhekk ladarba hija ma kienet ingħatat l-ebda struzzjonijiet jew direzzjoni, hija ma setgħetx tirrimedja x-xogħlijiet li ma kinux għas-sodisfazzjon tas-soċjetà rikorrenti.

5. Is-soċjetà intimata ressqet ukoll kontrotalba għat-talbiet tas-soċjetà rikorrenti. Spjegat li l-*Managing Director* tagħha kien involut kemm fl-iffirmar

tal-kuntratti, kif ukoll fid-diskussjonijiet mas-soċjetà rikorrenti u fis-sorveljanza tax-xogħlijiet. Qalet li s-soċjetà rikorrenti kienet appaltat xogħijiet permezz ta' żewġ kuntratti ta' appalt iffirmati f'Jannar u Novembru tal-2009, liema xogħlijiet kellhom jiġu eżegwiti fl-ufficini ta' KPMG, Portico Building, Marina Street, Pietà, u ftit wara li nbeda x-xogħol, is-soċjetà rikorrenti kienet eskludiet ċertu xogħlijiet miftiehma fil-kuntratti oriġinali, filwaqt li żiedet oħrajn sostanzjali, b'dan illi l-valur tax-xogħlijiet li kellhom jiġu eżegwiti żdied għal €565,787.75, għalkemm is-soċjetà rikorrenti kienet ħallset biss l-ammont ta' €470,000. Is-soċjetà intimata spjegat li meta avviċinat lis-soċjetà rikorrenti għall-ħlas, din irrifjutat li tħallas id-differenza, u qalet li l-ammont ta' €470,000 imħallas minnha kien jissupera l-valur tax-xogħol imwettaq. Qalet li għalkemm kienu saru għadd ta' laqgħat fil-preżenza tal-avukati tal-partijiet, il-partijiet żammew il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, u kien għalhekk li s-soċjetà intimata insistiet li f'każ li s-soċjetà rikorrenti ma tonorax l-obbligi kuntrattwali tagħha li tħallas għax-xogħlijiet imwettqa, hija ma kinitx ser tkun f'pożizzjoni li tkompli bix-xogħlijiet u tkompli tħallas għall-materjal u għall-pagi tal-ħaddiema u tas-sub-kuntratturi. Kien għalhekk li s-soċjetà intimata, fil-kontrotalba tagħha, talbet (i) li t-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha meta rrifjutat li tħallas għax-xogħol imwettaq mis-soċjetà intimata u għalhekk ħallet il-kuntratt mingħajr raġuni valida; (ii) li jiġi likwidat il-valur tax-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà intimata fil-fond tas-soċjetà rikorrenti, kif ukoll is-somma li l-Qorti tista' tqis li ma tkunx iżjed mill-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel fuq ir-rimanenti xogħlijiet; (iii) u li s-soċjetà rikorrenti tiġi kkundannata tħallas is-somma hekk likwidata favur is-soċjetà intimata.

6. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li t-talbiet tas-soċjetà intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u hija kellha raġuni valida sabiex tittermina l-appalt. Qalet li s-soċjetà intimata għandha jedd biss titħallas għal xogħlijiet li huma utili għaliha, u l-valur ta' tali xogħlijiet jammonta għal ferm inqas mill-ammont imħallas sa issa lis-soċjetà intimata. Qalet li għalhekk mhuwa dovut xejn lis-soċjetà intimata.

7. Ix-xhud il-**Perit Paul Camilleri** li kien inkarigat mis-soċjetà rikorrenti sabiex japplika għall-permessi ta' żvilupp għal estensjoni tal-blokka ta' uffiċini li tintuża mis-soċjetà rikorrenti, xehed quddiem it-Tribunal li din l-estensjoni ma nbnietx bil-mod tradizzjonali, imma bi struttura tal-ħadid. Qal li huwa kien ġie mgħarraf li din l-istruttura kienet ser tingħalaq b'tip ta' kisi li ma jintużax spiss hawn Malta. Qal li huwa kellu x'jaqsam biss mal-istruttura u mhux mal-*finishes* tagħha, u huwa kien intalab jassisti lis-soċjetà rikorrenti fl-2011, wara li kien hemm problemi bl-ingress tal-ilma. Il-Perit Camilleri qal li huwa kien jaf li s-soċjetà intimata, bħala l-kuntrattur inkarigat, kellha tieħu ħsieb il-*finishes* kollha. Qal li meta ntalab imur fuq il-post f'Novembru jew Diċembru tal-2011, huwa kien sab li kien hemm diversi problemi bil-*waterproofing,* u kien hemm ukoll problema bl-appoġġ mal-iskola għaliex kien hemm ċertu ċaqliq li kkawża ingress tal-ilma. Il-Perit Camilleri qal li kien hemm ingress tal-ilma wkoll mill-*aluminium.* Qal li meta tela' fuq il-bejt tal-binja sab li l-*cladding* taċ-ċeramika li ntuża kien beda jinqala' f'ċerti postijiet. Qal li sussegwentement għamel xi tliet spezzjonijiet oħra fuq il-post u beda jikkostata li din il-problema kienet qiegħda dejjem tikber aktar.

8. Xehed ukoll **Charles Cortis**, *project manager* ma' Attard Brothers Company Limited, li kienet il-kumpannija li ħadet ħsieb il-*finishes* fil-blokka, lejn it-tieni nofs tal-2011. Qal li dak iż-żmien Attard Brothers Company Limited kienet ġiet inkarigata sabiex iżarma ġewwa u jerġgħu jagħmlu x-xogħol mill-ġdid, u sa dak l-istadju l-kumpannija tiegħu ma kellhiex x'taqsam max-xogħol li sar fuq il-*cladding* estern. Qal li dak iż-żmien is-soċjetà rikorrenti talbet lil Attard Brothers Company Limited jagħmlu l-kisi ta' parti mill-faċċata li kienet għadha ma ġietx miksija, u huma rrifjutaw li jagħmlu dan. Kompla jgħid li anki l-kumpannija Satariano rrifjutat li twaħħal il-madum fuq il-faċċata, għaliex il-*frame* tal-azzar li kien hemm kienu mbegħdin wisq, u seta' jkun hemm xi ċaqliq. Qal li kien hawnhekk li s-soċjetà rikorrenti talbithom iżarmaw il-faċċata bil-*frame* b'kollox.

9. **Anthony Pace**, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, spjega li huwa ma kienx involut fin-negozjati taż-żewġ kuntratti, għalkemm qal li kellu laqgħat ma' esponent tas-soċjetà intimata dwar il-*cladding* tal-faċċata u l-*waterproofing.* Ix-xhud qal li huwa qatt ma tkellem dwar dan mal-Perit, u d-deċiżjonijiet kienu jittieħdu b'mod kollettiv mad-diretturi l-oħra tas-soċjetà rikorrenti. Qal ukoll li huwa ma kienx bniedem tekniku, imma l-Perit tal-kumpannija ma kienx ikun involut f'dawn il-kwistjonijiet. Ix-xhud qal li kien hemm drabi meta huwa kien jiltaqa' ma' esponenti tas-soċjetà intimata u bejniethom kienu jitkellmu dwar id-differenzi fil-ħlasijiet li kien hemm, u qal li apparti li kien hemm differenzi bejn dak li kienet lesta li tħallas is-soċjetà rikorrenti u dak li kienet lesta li taċċetta s-soċjetà intimata, inqalgħet problema oħra għaliex wara ftit taż-żmien il-*cladding* beda nieżel, u għalhekk ir-relazzjoni

bejn il-partijiet aktar marret lura. Waqt il-kontroeżami tax-xhud, irriżulta li għalkemm id-daqs tal-madum miftiehem fil-kuntratt kellu jkun 60 ċentimetru b'60 ċentimetru, bi ftehim bejn il-partijiet twaħħal madum li kien 80 ċentimetru bi 80 ċentimetru, u fejn kien spiċċa l-madum ta' dan id-daqs, il-kuntrattur waħħal madum li kien 40 ċentimetru bi 80. F'udjenza ulterjuri, ix-xhud ikkonferma li meta kien hemm ingress tal-ilma, dan daħal minn tliet postijiet differenti, u s-soċjetà intimata abbandunat il-proġett wara li allegat li kellha xi kontijiet pendenti. Ix-xhud qal li l-ingress tal-ilma ma kienx biss riżultat tal-*air conditioners,* għaliex din il-problema ġiet indirizzata f'Ottubru tal-2010, tant hu hekk li l-problema tal-ingress tal-ilma kienet għadha għaddejja sa Frar tal-2011. Ix-xhud ikkonferma wkoll li wara li s-soċjetà intimata ma baqgħetx involuta f'dan il-proġett, is-soċjetà rikorrenti kienet inkarigat kuntrattur ieħor sabiex isewwi l-problema tal-ingress tal-ilma, u wara li kien hemm l-intervent ta' dan il-kuntrattur, ma daħalx aktar ilma fil-post. F'udjenza ulterjuri, l-istess xhud qal li waqt ix-xogħlijiet, ma kienet ġiet inkarigata l-ebda persuna teknika sabiex tiċċekkja u tapprova x-xogħlijiet.

10. **Joe Schembri**, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, xehed li huwa kien informa lil sħabu l-oħra fil-kumpannija li kien ser jirtira, u fil-fehma ta' dan ix-xhud, il-flus li tħallsu lis-soċjetà intimata sal-aħħar tal-2010 kienu suffiċjenti. Dan ix-xhud intalab jiddeponi partikolarment dwar il-kwistjoni tat-*tower crane,* u qal li l-inġiniera li ħarġu ċ-ċertifikati dwar it-*tower crane* ma kinux tqabbdu mill-KPMG. Qal li l-Perit James Farrugia kien irrevoka ċ-ċertifikazzjoni tiegħu wara li rriżulta li din kienet ibbażata fuq informazzjoni żbaljata. Dan ix-xhud qal li kien hemm problema bir-*railing* tat-taraġ, għaliex dan ma kienx sar skont is-

sengħa u l-arti, ma kienx inżebagħ u kien mingħajr *rubber paddings.* Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata naqset milli tagħmel l-affarijiet skont il-ftehim bejn il-partijiet, u għalhekk kienet tathom skont.

11. **Joe Vella**, direttur tas-soċjetà intimata, xehed li l-kumpannija tiegħu m'għamlet l-ebda xogħol ta' *electrical and light installations* u qal li huwa ma kellux x'jaqsam mat-*tower crane* u l-installazzjoni tiegħu. Kompla jgħid li t-*tower crane* l-aktar li kien meħtieġ kien sabiex jitwaħħal il-ħġieġ. Qal li kien hemm perijodi ta' żmien fejn dan it-*tower crane* ma kienx jintuża u sakemm dam fil-post, it-*tower crane* intuża minn ħaddiema tas-soċjetà intimata u mill-ħaddiema li marru jinstallaw it-tagħmir tal-arja kundizzjonata.

12. **Andrew sive André Zarb** fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, u x-xogħol li s-soċjetà intimata intalbet tagħmel fil-fond tas-soċjetà rikorrenti, kien jinvolvi l-bini ta' estensjoni tal-blokk ta' wara tal-proprjetà permezz ta' struttura tal-metall għal kull wieħed mill-ħames sulari; l-estensjoni tal-bini ta' żewġ sulari oħra li kellhom ikunu magħrufa bħala '*the new Tax Unit'* fuq in-naħa tal-lemin tal-estensjoni tal-binja; l-estensjoni tal-bqija tal-ħames sular biex jissaqqaf it-terazzin li kien maġenb il-faċċata interna l-kbira tal-blokk ta' wara; it-tlestija tal-bini l-ġdid, li kien jinkludi l-kontrabejt, il-*waterproofing,* l-insulazzjoni, l-aperturi ta' barra, il-madum u s-suffitti, it-tibdil tat-twieqi tal-bini eżistenti sabiex dawn jiġu jaqblu ma' dawk tal-estensjoni l-ġdida, u l-*cladding* tal-faċċata interna u tas-*small corner facade* tal-bini ta' wara tal-proprjetà u taraġ tal-ħadid. Qal li wara li beda x-xogħol, intlaħaq ftehim li x-xogħol tal-elettriku kellu jsir minn Brownrigg Supplies & Services, u s-soċjetà intimata kellha r-responsabbilità li tipprovdi lir-rikorrenti

xogħol komplut magħmul min-nies tas-sengħa, kif ukoll li tipprovdi l-materjal, l-għodda u l-makkinarju kollu meħtieġ. Qal li għalhekk l-ispejjeż relatati mal-mod li bih kellu jsir ix-xogħol, inkluż il-mod kif il-materjal kellu jitwassal fuq il-lant tax-xogħol, sabiex ix-xogħol ikun jista' jitlesta u jsir skont il-livelli meħtieġa, u l-ħlas għal dan, kien responsabbilità tas-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li hemm diżgwid bejn il-partijiet dwar l-ammont ta' €194,960.51, konsistenti f'(i) €78,217.12 xogħol ta' *cladding* li s-soċjetà intimata pperswadiet lis-soċjetà rikorrenti sabiex tuża biex ix-xogħol ikun ta' kwalità superjuri, meta l-*cladding* kien kompletament insodisfaċenti u perikoluż, u għalhekk is-soċjetà rikorrenti kellha tonfoq ħafna flus sabiex tneħħi l-imsemmi *cladding;* (ii) €54,089.29 xogħlijiet li ma sarux minħabba tibdil fil-pjanijiet, b'ċerti xogħlijiet li ġew sostitwiti b'xogħlijiet oħra, u l-prezz tax-xogħlijiet alternattivi ma ġiex inkluż; (iii) €40,516.92 li jkopri *items* li kienu responsabbilità tas-soċjetà intimata, għaliex il-kuntratti bejn il-partijiet jistipulaw li s-soċjetà intimata kienet responsabbli sabiex tipprovdi u tħallas għal kull apparat, għodda u materjal. Qal li hemm ukoll l-ammont ta' €7,510.80 rappreżentanti tnaqqis minħabba xogħol li mhux komplut u danni sofferti minħabba l-ingress tal-ilma, u l-ammont ta' €14,626.29 li jirrappreżenta nuqqas ta' qbil dwar il-prezz ta' żewġ *items,* u l-esklużjoni tal-prezz tal-*extra gypsum works.* Ix-xhud qal li hu, flimkien mad-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, kienu ltaqgħu ma' Joe Vella, direttur tas-soċjetà intimata, sabiex jiddiskutu l-pass li jmiss, u partikolarment it-tlestija tax-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru. Ix-xhud qal li kien waqt din il-laqgħa li Vella tahom diversi pariri dwar metodi differenti ta' *waterproofing,* kif ukoll fuq l-alternattiva li l-faċċata titlesta bil-*cladding* biex estetikament din tkun tidher ħafna aħjar. Qal

li waqt din il-laqgħa kienet diskussa l-ispiża għall-*cladding,* u kienu ngħataw garanzija wkoll dwar l-użu tal-materjal propost. Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata kienet responsabbli biex tissupplixxi u tinstalla l-*cladding* mal-faċċata l-kbira u l-faċċata ż-żgħira tal-blokka ta' wara tal-proprjetà, sabiex il-faċċata tkun waħda pulita. Qal li s-soċjetà intimata naqset milli teżegwixxi dak li ġie miftiehem, għaliex ix-xogħol ma kienx komplut, u t-twaħħil tal-*cladding* kien difettuż u l-madum beda jaqa' fil-bitħa, tant hu hekk li l-bitħa saret post perikoluż u kellu jingħalaq l-aċċess għaliha. Ix-xhud qal ukoll li faċċata mhux kompluta m'għandha l-ebda valur ekonomiku li kien ta' benefiċċju għas-soċjetà rikorrenti, partikolarment għaliex is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex aċċess għall-materjal meħtieġ biex ix-xogħol ikun jista' jitkompla, bir-riżultat li s-soċjetà rikorrenti kellha tagħmel spejjeż addizzjonali sabiex tispiċċa x-xogħol addizzjonali meħtieġ b'metodi alternattivi. Qal li s-soċjetà intimata ripetutament kienet qiegħda twassal il-messaġġ lis-soċjetà rikorrenti li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-materjali meħtieġa sabiex tlesti x-xogħol meħtieġ, u kienet anki wegħdet li tlesti dan ix-xogħol, xi ħaġa li baqgħet qatt m'għamlet. Kompla jgħid li ladarba s-soċjetà intimata kellha l-materjali għad-dispożizzjoni tagħha, hija kienet mistennija li tibgħat ħaddiema fuq is-sit sabiex dan jitwaħħal. Ix-xhud qal li s-soċjetà intimata kienet infurmat lis-soċjetà rikorrenti li hija kellha 54 maduma tal-*cladding in stock* u dan l-ammont ta' madum kien meħtieġ sabiex jitkompla x-xogħol, iżda sussegwentement ġie stabbilit li ma kienx hemm madum biżżejjed biex isir ix-xogħol kollu tal-*cladding*. Ix-xhud qal li kien għalhekk li bdew diskussjonijiet ma' terzi dwar kif seta' jitkompla x-xogħol, u mill-ewwel ġie stabbilit li l-bażi tal-faċċata ma kinitx b'saħħitha biżżejjed u li partijiet minnha kienu instabbli, filwaqt li nstab li f'xi

partijiet kienu ntużaw *green gypsum boards* minflok *cement boards.* Kompla jgħid li apparti li x-xogħol ta' *cladding* ma kienx komplut, ftit wara li twaħħal il-madum, dan beda jaqa' fil-bitħa interna, u għalhekk is-soċjetà intimata mhux talli ma wettqitx dak li kien miftiehem bejn il-partijiet, talli ikkawżat danni lis-soċjetà rikorrenti. Qal li l-Perit Paul Camilleri inkarigat mis-soċjetà rikorrenti dak iż-żmien, kien insista li x-xogħol riparatorju meħtieġ kellu jsir mis-soċjetà intimata. Kompla jgħid li bejn il-partijiet kien intlaħaq qbil li x-xogħol tal-elettriku kellu jsir minn Brownrigg Supplies & Services Ltd, filwaqt li s-soċjetà intimata kellha tibqa' responsabbli mill-koordinazzjoni tal-proġett. Qal li meta Brownrigg bdew javvanzaw fix-xogħol, dawn urew ix-xewqa li jitħallsu direttament mis-soċjetà rikorrenti, liema talba fissret li kellha titnaqqas il-*cash flow* li kien qiegħed jiġi dirett lejn is-soċjetà intimata. Ix-xhud qal li għalhekk l-ammont allokat għall-installazzjoni tal-elettriku kellu jitnaqqas minn dak li kienet qiegħda tippretendi li tirċievi s-soċjetà intimata. Qal li waqt diskussjonijiet li kien hemm mas-soċjetà intimata, intlaħaq qbil li minflok *parquet* jintuża madum, u għalhekk l-ammont allokat għall-*parquet* kellu jitnaqqas ukoll. Ix-xhud qal li anki l-ispiża għall-*internal plastering* u ż-żebgħa kellha titnaqqas bl-ammont ta' €6,000. Qal li anki fir-rigward tat-tneħħija ta' ħitan bejn il-bini l-ġdid u l-bini l-antik, minflok infetħu l-bibien, is-soċjetà intimata qiegħda tippretendi li l-ispiża addizzjonali għandha tammonta għal €2,792, filwaqt li s-soċjetà rikorrenti tikkontendi li tali spiża għandha tammonta għal €728. Ix-xhud qal li l-kmamar tal-banju kellhom xi *items* neqsin, u t-taraġ ma kienx komplut skont kif miftiehem, u għalhekk ma ġiex spjegat għal liema raġuni s-soċjetà intimata ppretendiet il-ħlas ta' €21,381.60, jiġifieri €4,130 aktar milli kien oriġinarjament maħsub. Qal li s-soċjetà intimata

inkludiet fil-kont tagħha *items* li b'kollox jammontaw għal €40,516.92, li ma kinux maqbula bejn il-partijiet, u l-ispiża tagħhom kienet a karigu tas-soċjetà intimata sabiex din tispiċċa x-xogħlijiet li ntrabtet li tlesti. Ix-xhud qal li l-kuntratti jipprovdu għal ħlas f'każ li jkun hemm *execution and timely completion of the work.* Qal ukoll li hemm diversi xogħlijiet li ma sarux b'mod komplut jew mhux skont is-sengħa u l-arti, u semma bħala eżempju l-użu ta' madum differenti fil-*ground floor* tal-NTU, li t-toqob għad-dawl fil-*gypsum* li kienu kbar wisq, li parti mis-saqaf tal-*gypsum* ma saritx kif suppost, li x-xogħol inkomplut jinkludi bieb li ma sarx u l-*finishing* fil-kantuniera ta' kull sular li ma tlestiex, filwaqt li difetti maġġuri kkawżaw ingress ta' ilma minn għadd ta' bnadi. Ix-xhud spjega li għal dawn ir-raġunijiet kollha, is-soċjetà rikorrenti qiegħda tippretendi ħlas lura mingħand l-intimata fl-ammont ta' €99,172.76.

13. **Joseph Schembri**, fl-*affidavit* tiegħu spjega li huwa kien direttur tas-soċjetà rikorrenti, u kien hu li ffirma l-kuntratti ta' appalt f'isem din is-soċjetà. Qal li wieħed mill-ostakoli li kellhom kien il-post fejn kellu jintrama t-*tower crane,* li kellu jiġi żarmat ftit wara li ntrama mis-soċjetà intimata għaliex inqalgħu problemi ta' sigurtà minħabba l-mod kif ġie armat. Qal li hekk kif beda javvanza x-xogħol, is-soċjetà rikorrenti qablet li kellu jiġi installat it-taraġ esterjuri mill-blokk ta' quddiem għan-New Tax Unit (NTU). Qal li kien hemm qbil li t-taraġ kellu jkun magħmul minn ħadid galvanizzat, sprejjat, bil-*handrail* u *metal treads* miksija bil-lasktu, imma meta ġie installat it-taraġ instab li ma kienx sar skont il-ftehim u lanqas skont is-sengħa u l-arti. Ix-xhud qal li nqalgħet problema oħra għaliex għalkemm is-soċjetà rikorrenti kienet ħallset ammonti ta' flus lis-soċjetà intimata, din tal-aħħar ma kinitx qiegħda tħallas lis-

sub-appaltaturi. Qal li dan ħalla effett negattiv fuq ix-xogħol u x-xogħol tal-*gypsum* kellu ħafna difetti u ma kienx sodisfaċenti. Qal li meta sar ix-xogħol fuq livell 4, huwa sab li t-twieqi ma kinux jinfetħu fuq ġewwa, għaliex is-soffitt kien baxx wisq. Qal li anki l-madum li twaħħal kien ta' qisien differenti, kaġun ta' nuqqas ta' ippjanar serju min-naħa tas-soċjetà intimata. Kompla jgħid li meta Joe Vella mis-soċjetà intimata ingaġġa *surveyor* biex jagħmel spezzjoni tal-blokka, il-kont baqa' ma tħallasx minnu minkejja li s-*surveyor* tqabbad minnu, u kienet is-soċjetà rikorrenti li kellha tagħmel tajjeb għal din l-ispiża. Ix-xhud qal li lejn tmiem is-sena 2010, Joe Vella għan-nom tas-soċjetà intimata kien talab għal ħlas addizzjonali ta' €60,000, altrimenti kien ser iwaqqaf ix-xogħlijiet, u dan minkejja l-ħlas ta' €470,000 li kien diġà sar mis-soċjetà rikorrenti. Qal li kien intlaħaq qbil bejn id-diretturi tas-soċjetà rikorrenti li ma kellu jsir l-ebda ħlas addizzjonali sakemm ix-xogħlijiet jitlestew u sakemm jiġi rimedjat ix-xogħol li ma kienx sar skont l-arti u s-sengħa.

14. **Anthony Pace**, fl-*affidavit* tiegħu qal li huwa wieħed mid-diretturi tas-soċjetà rikorrenti, u minkejja li huwa ma kienx involut fiż-żewġ kuntratti ta' appalt li ġew iffirmati mas-soċjetà intimata, qal li kellu xi laqgħat ma' Joe Vella mis-soċjetà intimata fuq il-materjal u t-teknika li din il-kumpannija kellha tuża fl-eżekuzzjoni tal-proġett, speċifikament dwar il-*waterproofing* tal-binja u s-sistema ta' *cladding* li kellha teħel mal-faċċata. Qal li huwa beda jkun attiv fuq dan il-proġett lejn l-aħħar tal-2010, meta Joe Vella kien talab pagament ta' €60,000 akkont tax-xogħlijiet li kienu saru sa dak iż-żmien, imma huwa kien tal-fehma li l-valur tax-xogħlijiet li kienu saru sa dakinhar kienu inqas mill-€470,000 li kienu laħqu ħallsu sa dak iż-żmien. Qal li dan apparti li kien hemm xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Qal li filwaqt li Joe Vella baqa' jinsisti

għal ħlas addizzjonali, huwa kien sostna li l-ammont imħallas diġà kien jeċċedi l-valur tax-xogħlijiet li kienu saru sa dak iż-żmien. Qal li għalhekk is-soċjetà intimata qabdet u abbandunat ix-xogħlijiet, u bdew jitfaċċaw diversi difetti fix-xogħol imwettaq, bħal pereżempju ingress ta' ilma minkejja x-xogħol ta' *waterproofing* li suppost sar, ħsarat fis-soffitti, fil-*light fittings,* fl-*air conditioning units* u f'apparat elettroniku ieħor. Ix-xhud ikkonferma li xi żmien wara beda wkoll jinqala' l-*cladding* minn mal-faċċata u jaqa' għal isfel. Ix-xhud qal li l-pożizzjoni tas-soċjetà rikorrenti hija li s-soċjetà intimata tħallset żejjed l-ammont ta' €99,172.76, filwaqt li s-soċjetà intimata qiegħda titlob pagament ulterjuri ta' €95,787.75, u għalhekk hemm differenza ta' €194,960.51 bejn il-pretensjonijiet rispettivi tal-partijiet f'dawn il-proċeduri. Ix-xhud qal li l-valur tax-xogħol skont l-ewwel kuntratt kellu jammonta għal €265,500, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud, u kien hemm xogħol addizzjonali u xogħol li kien miftiehem fil-kuntratt oriġinali li fil-fatt ma sarx. Qal li m'hemm l-ebda diżgwid bejn il-partijiet dwar il-fatt li l-*items* li għandhom jiġu esklużi mill-ewwel kuntratt huma t-*timber decking, sound proofing, gypsum false ceiling including painting, doors to offices* u *external finishes to North facing facade.* Qal li kien hemm varjazzjonijiet, pereżempju f'*item* 1.02, '[t]*he drilling of holes into the existing slabs for the placing of the steel pillars from level -3 to level 0 or the reinforcement of the concrete columns as may be directed by the Owner's Architect',* għaliex sar xogħol addizzjonali li mhux skont dak imsemmi fil-kuntratt, imma ma jeżistu l-ebda dokumenti dwar dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet fil-kawża, u għalhekk hu mhux f'pożizzjoni li jgħid jekk iż-żieda fis-somma mitluba mis-soċjetà intimata hijiex raġonevoli jew le. Ix-xhud qal li rriżultaw difetti serji fil-*cladding* tal-faċċata, u huwa għalhekk li s-soċjetà

rikorrenti ma tista' tħallas l-ebda pagament relatat mal-imsemmi *cladding,* li għalih is-soċjetà intimata qiegħda tippretendi ħlas ta' €37,238.95. Dan ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà rikorrenti kellha tħallas hi tas-*surveyor* inkarigat mis-soċjetà intimata, minkejja li dan tqabbad mis-soċjetà intimata. Diskrepanza oħra indikata mix-xhud hija dwar il-*glass structure to North facing facade,* li l-ħlas għaliha kien jammonta għal €36,000. Qal li s-soċjetà intimata ppretendiet ukoll ħlas għal *tower crane, steel fencing,* rapport ta' inġinier u *drilling of cores,* li qatt ma kienu mitluba jew ikkonfermati mis-soċjetà rikorrenti. Ix-xhud kompla jgħid li l-prezz tat-tieni kuntratt kien ta' €106,270.80 inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud, u l-ammont ta' xogħol li ma sarx, u li hemm qbil dwaru miż-żewġ naħat, jammonta għal €40,580.20, inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud. Qal li s-soċjetà intimata qiegħda titlob ħlas addizzjonali ta' €32,260 fir-rigward ta' *preliminaries extended from end February to end September,* u s-soċjetà rikorrenti mhijiex disposta li taċċetta l-ebda żieda fil-ħlas f'dan is-sens, għaliex dan l-ammont ma kienx stipulat fit-tieni kuntratt u ma kienx hemm qbil dwaru bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li minħabba xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti li sar fuq is-*suspended gypsum flat ceiling to level 5,* is-soċjetà rikorrenti talbet tnaqqis ta' 20% mill-prezz oriġinali ta' €1,602.80. Qal ukoll li kien hemm diversi oġġetti nieqsa fil-kamra tal-banju, fosthom mirja u *fittings* u affarijiet li ma jaħdmux, li għalihom għalhekk għandu jkun hemm tnaqqis fil-prezz oriġinali. Ix-xhud indika oġġetti oħrajn li dwarhom kien hemm diżgwid, fosthom *tiling to NTU terrace and level 5 terrace,* li skont is-soċjetà intimata kellu jkun hemm ħlas għalih ta' €9,860, imma skont is-soċjetà rikorrenti l-ħlas għalih għandu jkun ta' €6,501.80 (VAT inkluż), u dan skont kif jidher fuq il-*bill of quantity: interim application for payment* tas-16 ta' Diċembru, 2010. Ix-xhud

kompla jgħid li peress li l-*glass structure to corner at entry to back block* ma kinitx kompluta, għaliex ma sarx il-bieb u ma kienx komplut ix-xogħol fil-kantuniera ta' kull sular, is-soċjetà rikorrenti dehrilha li kellu jkun hemm tnaqqis ta' 15% fil-prezz miftiehem li jammonta għal €2,655, inkluż il-VAT. Ix-xhud qal li s-soċjetà rikorrenti ma tistax taċċetta t-talba għall-ħlas ta' *extra works to facade cladding* u *small facade* li bejniethom jammontaw għal €17,900.95, VAT inkluż, għaliex ix-xogħol sar ħażin u kellu jinqala'. Nuqqas ta' qbil ieħor bejn il-partijiet huwa dwar *extra works to interior* li jammontaw għal €708, *drilling of holes at basement re. new lift, extra hire of scaffolding* u *repairs to membrane in area done previously by third party,* li bejniethom jammontaw għal €850. Ix-xhud qal li għandu jitnaqqas ukoll l-ammont ta' €2,545 inkluż VAT mit-talba tas-soċjetà intimata għal ħlas, liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż tal-*waterproofing* tal-faċċata li tiġi n-naħa tal-iskola, li sar minn terzi, u li ma kienx sar skont is-sengħa u l-arti mis-soċjetà intimata. Qal ukoll li l-partijiet ma laħqu l-ebda ftehim bejniethom dwar l-*extra works to gypsum* pretiżi mis-soċjetà intimata. Ix-xhud ippreżenta fatturi u dokumenti oħra sabiex isostni dak li ntqal minnu fl-*affidavit* tiegħu.

15. **Nadia Zarb**, rappreżentanta tas-soċjetà rikorrenti, fl-*affidavit* tagħha spjegat li hija bdiet tiġi involuta fil-proġett mertu ta' dawn il-proċeduri lejn l-aħħar tal-2010. Qalet li waħda mill-problemi ewlenin li nqalgħu, kienet minħabba l-ingress tal-ilma, li baqgħet mhux solvuta mis-soċjetà intimata, minkejja li ppruvat issolvi problemi oħra li nqalgħu bix-xogħlijiet. Żiedet tgħid li fil-bidu ta' Awwissu tal-2011, is-soċjetà rikorrenti talbet lis-soċjetà intimata tneħħi x-xogħol ta' *cladding* li kien laħaq sar għaliex dan ix-xogħol ma kienx

komplut, u kien hemm il-ħtieġa li jiġi ingaġġat xi ħadd ieħor li seta' jlesti l-faċċata tal-binja. Problema oħra li feġġet kienet il-qlugħ tal-madum iswed li kien hemm fil-bitħa, qlugħ ta' *cladding* li waqa' għal isfel u kisser is-sollijiet tat-twieqi. Ix-xhud spjegat ukoll li meta ġiet ingaġġata s-soċjetà Attard Brothers sabiex tagħmel xogħol ta' tiswija, il-ħaddiema ta' din il-kumpannija irnexxielhom jaqilgħu l-madum b'idejhom minn tieqa fir-raba' sular, li jindika li l-madum ma kienx imwaħħal sew. Skont din ix-xhud, inqalgħet maduma oħra tal-*cladding* u għamlet ħsara lir-*railing* li kien għadu kif twaħħal, strixxa tal-*istainless steel* imwaħħla fir-raba' sular issaddet ftit wara li twaħħlet, bdew joħorġu difetti fis-suffitt tal-*gypsum* madwar il-*fittings* tad-dawl, *flushing* fit-*toilet* beda jnixxi l-ilma b'mod kontinwu, u kien hemm qisien differenti ta' madum fil-kamra t'isfel tan-NTU. Din ix-xhud esebiet diversi ritratti li juru l-ħsarat li semmiet waqt id-depożizzjoni tagħha, flimkien ma' korrispondenza mibgħuta minnha lil Joe Vella dwar il-ħsarat li bdew jinqalgħu fil-binja.

16. **Joe Vella**, *managing director* tas-soċjetà intimata fl-*affidavit* tiegħu qal li lejn l-aħħar tas-sena 2008 kien kellmu Noel Mizzi, wieħed mill-imsieħba tal-KPMG, u kien qallu li huma xtaqu jestendu l-bini tagħhom f'Portico Building, Marina Street, Pietà, u għal dan il-għan ġiet iffissata laqgħa ma' ċertu Joe Schembri, li spjega lil Vella x'kien meħtieġ li jsir. Qal li Schembri kien qallu li kienu marru diversi kuntratturi jaraw ix-xogħol, iżda ħadd ma wera interess, u kien qallu wkoll li huwa kien imħabbat ħafna u talbu jagħtih proposta b'mod li kemm jista' jkun ma jkollux x'jaqsam ma' ħadd. Vella xehed li huwa seta' jagħmillu proposta u li dan ix-xogħol seta' jsir minnnu, għalkemm qallu wkoll li ċertu xogħol aħjar li jsir minn nies li kienu diġà involuti, bħall-kuntrattur tal-elettriku u tal-*air conditioning.* Kompla jgħid li kienet saret laqgħa oħra, din id-

darba fil-preżenza tal-Perit Paul Camilleri, u wara din il-laqgħa huwa kien għadda l-*budget proposal* lil Schembri fl-14 ta' Jannar, 2009. Ix-xhud qal li fil-*budget quotation* huwa ma inkludiex ix-xogħol tal-elettriku, *E.L.V.* u *air conditioning.* Qal li wara li kellu laqgħat oħra ma' Schembri, dan kien qallu li s-soltu l-kumpannija taħdem bi Brownrigg bħala kuntrattur tal-elettriku, u rigward tal-*air conditioning* kien hemm diversi kuntratturi u *suppliers* involuti. Qal ukoll li fil-laqgħa li kellu ma' Schembri, dan kien qallu li l-*partners* tas-soċjetà rikorrenti kienu qablu li huwa għandu jingħata x-xogħol sakemm jinkludi xi *luminaires* u *points* tad-dawl fl-uffiċini. Qal li kien għalhekk li huwa bagħat proposta aġġornata lil Schembri b'xi emendi, u l-kuntratt bejn il-partijiet ġie ffirmat ftit wara. Kompla jgħid li sa mill-bidu tal-proġett bdew isiru tibdiliet, u fil-fatt is-soċjetà rikorrenti ddeċidiet li minflok *canteen* kellha ssir binja ta' żewġ sulari sabiex takkomoda n-*New Tax Unit.* Spjega fit-tul li waħda mill-ewwel problemi li nqalgħet kienet dwar fejn kellu jitpoġġa t-*tower crane* li kellu jsir ix-xogħol bih, u qal li minkejja li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-kisba tal-permessi meħtieġa sabiex ikun jista' jitpoġġa *tower crane* viċin il-binja, eventwalment huwa ħa din il-kwistjoni f'idejh sabiex ix-xogħol ikun jista' jibda. Qal li kien għalhekk li ttieħdet id-deċiżjoni li t-*tower crane* jintrama fix-xaft tal-bokka ta' quddiem, u dan kien jinvolvi struttura partikolari li kellha tintrama fix-xaft, kif ukoll arranġamenti ma' Transport Malta u ma' uffiċjali tal-Pulizija sabiex tkun tista' tingħalaq it-triq sakemm jintrama t-*tower crane.* Ix-xhud qal li wara li nbeda x-xogħol u qabad ir-ritmu tajjeb, Joe Schembri kien infurmah li xtaq ibiddel il-pjan, fis-sens li l-*finishes* tal-uffiċċji kellhom jitwaqqfu temporanjament, u minflok jingħata bidu għal xogħol ġdid li jkopri l-estensjoni tal-ħames sular, isiru l-*finishes* tal-ħames sular kollu, sabiex l-impjegati li kien

hemm fir-raba' sular ikunu jistgħu jitilgħu jaħdmu fil-ħames sular, u b'hekk ikun jista' jsir ix-xogħol fuq il-kumplament tas-sulari l-oħra. Żied jgħid li taħt l-ewwel kuntratt sar ix-xogħol kollu konness mal-istruttura, u peress li t-tqegħid tal-*parquet* ma kienx jagħmel aktar sens, inbidlu s-soqfa li minn injam fuq travi tal-ħadid inbidlu għal *concrete* fuq pjanċi tal-ħadid. Qal li sar xogħol addizzjonali fuq in-*NTU,* kisi tas-sulari kollha, xogħol ta' *gypsum* u *cement board* biex ingħalqet il-faċċata. Ix-xhud qal li però kien hemm xogħol ieħor li ma sarx, bħalma hija ż-żebgħa u l-bibien tal-uffiċċji, għaliex it-tibdil fid-disinn kien jirrikjedi ftehim ġdid. Ix-xhud qal li x-xogħol spjegat fl-ewwel kuntratt ma setax jimxi bir-ritmu stabbilit minn qabel għaliex inbidlu ħafna mix-xogħlijiet, bħal pereżempju l-pjan oriġinali kien li l-art issir tal-injam, iżda wara ġie deċiż li għandu jsir madum. Tibdil ieħor li sar kien fl-istruttura, għaliex ġie deċiż li minflok *canteen* fuq sular wieħed, kellu jsir *unit* fuq żewġ sulari. Qal li x-xogħol addizzjonali li kien hemm bżonn li jsir, ddaħħal fit-tieni kuntratt, u dak li ma kienx għad hemm bżonnu ġie kkanċellat. Qal li x-xogħol tal-elettriku li ġie miftiehem fl-ewwel kuntratt, ma baqax applikabbli għaliex issa kien meħtieġ xogħol li jkopri sular sħiħ, li kien ferm ikbar u li kien *open plan,* u għalhekk ix-xogħol tal-elettriku miftiehem bl-ewwel kuntratt ma baqax aktar applikabbli. Żied jgħid li x-xogħol kopert bit-tieni kuntratt inbeda minnufih, u meta tlestiet l-estensjoni tal-binja, il-klijent ma kellu xejn lest fir-rigward tal-*air conditioning,* il-*fresh air system* u l-installazzjoni ta' dawl u l-*E.L.V.*, u qal li minkejja li sar il-kuntratt sabiex il-ħames sular jitlesta minn kollox sa Frar tal-2010, il-pjanti għall-installazzjoni tad-dawl, l-*air conditioning* u il-*fresh air* ġew sottomessi f'Mejju tal-2010. Qal li huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan ix-xogħol, imma sa fejn seta' għen lil kulħadd u qatt ma ppretenda rimunerazzjoni żejda għal

dan ix-xogħol. Ix-xhud qal li wara li tlestiet l-istruttura, ġie stabbilit li filwaqt li l-faċċata l-ġdida kienet wieqfa perfettament, il-faċċata tal-blokka eżistenti kienet mgħawġa, u għalhekk huwa kien issuġġerixxa li għandha ssir faċċata waħda. Żied jgħid li rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti kien infurmah li kien kemxejn imħasseb dwar il-manutenzjoni tal-faċċata, għaliex l-aċċess kien diffiċli immens, u hu kien issuġġerixxa li minflok żebgħa mal-faċċata jitwaħħal madum gres irqiq u *lightweight,* li kellu jeħel direttament mas-*cement boards.* Ix-xhud fl-*affidavit* tiegħu spjega li kien hemm kwistjonijiet dwar it-taraġ, ir-*railing* tat-taraġ, u tibdil ieħor fil-pjanijiet oriġinali li bdew jintalbu mis-soċjetà rikorrenti wara li kien inbeda jew saħansitra tlesta xi xogħol. Qal li aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, beda jinduna li r-relazzjoni tajba li kellu ma' Joe Schembri ma kinitx għadha l-istess, tant hu hekk li talab laqgħa ma' Schembri, imma din ma kinitx saret. Żied jgħid li ladarba huwa kien tħalla mingħajr direzzjoni, kien informa lil Schembri li l-arranġamenti kollha li kellu mħejjija għat-taraġ, għall-bitħa u għall-*partitioning* kienu qegħdin jitwaqqfu b'mod immedjat, għalkemm ix-xogħol fuq il-bibien kien laħaq beda u ma kienx jagħmel sens li jitwaqqaf, imma talab direzzjoni dwar x'kien mistenni minnu. Ix-xhud qal li t-*tower crane* kellu jiżżarma għaliex kien hemm spiża għaddejja b'mod rikorrenti u ma kien hemm l-ebda skop li dan jitħalla armat jekk ix-xogħol li kellu jsir fis-sulari ta' taħt ma kienx ser jitħalla jitkompla. Ix-xhud qal li l-waqfien kien ġej min-naħa tas-soċjetà rikorrenti. Qal li l-problemi kollha li feġġew fis-sular ta' fuq, kienu ġew indirizzati u kompluti. Qal ukoll li huwa ma kienx żamm xogħol għaliex kien hemm ftehim li x-xogħol ta' *finishes* fuq il-blokka ta' wara, kellu jkompli f'Ottubru. Qal li meta Anthony Pace avviċinah bi *snag list,* wara li huwa kien diġà rranġa xi difetti li tfaċċaw, huwa għamel

spezzjoni miegħu fuq il-post, u waqt din l-ispezzjoni beda jintwera xogħol magħmul minn terzi li ma kellu x'jaqsam xejn miegħu. Qal li Pace dak il-ħin qallu li ma kienx jinteressah min għamel ix-xogħol, u jekk Vella ried li jitħallas, kellu jassigura li jirranġa x-xogħol li kien qiegħed jintalab li jirranġa. Qal li wara din il-laqgħa, huwa kien tkellem ma' Joe Camilleri Bowman, li kien qallu li ladarba x-xogħol kien ilu lest kważi sitt xhur u l-post baqa' ma jintużax, kien evidenti li s-soċjetà rikorrenti ma kellhiex għaġġla, u d-difetti li bdew isemmu kienu biss skuża. Qal li l-istess Camilleri Bowman kien qallu li f'każ li jitqabbad xi ħadd ieħor biex isewwi dawn id-difetti, kien hemm ir-riskju li l-ħsara tikber. Qal li kien għalhekk li huwa qabbad persuna biex tindirizza dawn is-*snags* u fl-24 ta' Jannar, 2011 huwa bagħat *email* lil Anthony Pace fejn infurmah li dawn kienu ġew indirizzati. Ix-xhud qal li minkejja dan, Anthony Pace baqa' jinsisti li l-ewwel kellu jitlesta l-*cladding,* imbagħad isir il-ħlas wara. Qal li dak iż-żmien huwa kien informa lil Pace li peress li kien għad baqa' min jitħallas għax-xogħol li kien għamel u li kien ilu lest, huwa ma kienx dispost li jkompli bix-xogħol, għaliex il-*cladding* tal-faċċata kien qiegħed jintalab żejjed u huwa la kellu irbit u lanqas ftehim li jagħmel dan ix-xogħol hu. Ix-xhud ta dettalji ta' x'kien ġara, fosthom meta huwa sar jaf li kien hemm terzi li tqabbdu jagħmlu xi xogħol li seta' sar minnu. Qal li bejn Awwissu 2010 u Mejju 2011 huwa ma rċieva l-ebda forma ta' ħlas, u fl-istess ħin Anthony Pace baqa' jiġri warajh sabiex jagħtih il-madum sabiex jitkompla l-*cladding* tal-faċċata. Qal li huwa kien lest li jikkonsenja l-madum sakemm jitħallas tiegħu. Semma' inċident partikolari li seħħ fl-24 ta' Settembru, 2011 meta huwa kien bagħat jinforma lill-Perit tas-soċjetà rikorrenti u lil uħud mill-esponenti tas-soċjetà rikorrenti, li ħaddiema tiegħu kienu marru fuq is-sit biex jipproteġuh minn ingress ta' ilma, imma

kienu sabu li s-soċjetà rikorrenti kienet qabbdet lil terzi sabiex japplikaw xi qatran. Qal li dan ix-xogħol kien sar riċentement u sar ta' xejn, u għalhekk il-ħaddiema mibgħuta mis-soċjetà intimata ma messewhx, iżda għattewh b'folji tal-plastik li nqalgħu wara ftit. Kompla jgħid li fil-frattemp intrama *scaffolding* u l-madum tal-*cladding* ġie ċċekkjat, u huwa ħa ħsieb iħalli l-*iscaffolding* armat f'każ li jingħata direzzjoni jew struzzjoni biex jagħmel xi xogħlijiet fuq il-post. Ix-xhud ikkonkluda l-*affidavit* tiegħu billi qal li huwa fl-ebda stadju tal-proġett ma ġie infurmat li tħallsu flus żejda lilu minn xi direttur jew *partner* tas-soċjetà rikorrenti jew ta' KPMG, u l-konteġġi ppreżentati minn Anthony Pace huma bbażati fuq assunzjonijiet magħmula mill-istess Pace, li ma kien involut f'ebda negozjati miegħu u li mhux ikkwalifikat biex jagħti stimi xierqa fis-settur tal-kostruzzjoni u l-*finishes.*

17. Quddiem it-Tribunal ġiet ippreżentata korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet dwar din il-lanjanza, minn fejn jirriżulta li l-kwistjonijiet dwar ix-xogħol li kellu jiġi eżegwit mis-soċjetà intimata nqalgħu prattikament f'kull fażi tal-proġett. Ħafna mill-korrispondenza esebita tindika li kien hemm komunikazzjonijiet dwar tibdil li kien meħtieġ li jsir anki wara li kien inbeda l-proġett.

**<u>Il-Lodo Arbitrali Appellat</u>**

18. Permezz tal-lodo mogħti fit-2 ta' Ottubru, 2017, it-Tribunal iddeċieda li mill-provi prodotti jirriżulta li: (i) is-soċjetà rikorrenti ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tqabbad lil terzi jkomplu x-xogħlijiet wara li l-soċjetà intimata abbandunat ix-xogħlijiet; (ii) l-valur tax-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà

intimata jammonta għal €434,142.89, u dan wara li t-Tribunal kkonsidra n-natura kumplessa tal-każ; (iii) għalhekk jirriżulta li saru pagamenti eċċessivi lis-soċjetà intimata fl-ammont ta' €35,857.11; (iv) il-kwistjoni tal-privileġġ speċjali hija waħda ta' natura legali u s-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tibqa' fl-i*status quo* għaliex id-danni sofferti minnha setgħu jkunu ferm akbar; (v) is-soċjetà intimata ma kisritx il-kuntratt ta' appalt, għaliex il-varjazzjonijiet u d-dinamika fix-xogħlijiet, kif ukoll li d-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti ma kienx tort tagħha; (vi) uħud mix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti u li ma jirriżultaw l-ebda danni in likwidazzjoni. Sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"9. **OSSERVAZZJONIJIET MILL-ĠBIR TAL-PROVI/DOKUMENTAZZJONI***

*1) Illi rriżulta illi:*

*I L-ewwel kuntratt bejn il-partijiet (fn. 15 Dok. ADBP 901) ġie ffirmat bejn **Avantgarde Projects Ltd u KPMG,***

*II Filwaqt illi t-tieni kuntratt (fn. 16 Dok. ADBP 902) ġie ffirmat bejn **Avantgarde Projects Ltd u Del Ponte Ltd.** L-esponent Arbitru jikkonsidra illi r-ramifikazzjonijiet ta' dan huma ta' natura legali u ma jaqax fil-kompitu tiegħu. L-ewwel kuntratt kien **jirrigwarda l-bini u l-finishing tal-livelli 0 sa 5.***

*2) Illi dwar ix-xogħlijiet indikati f'dawn il-kuntratti, is-soċjetà Del Ponte, ma inkarigat l-ebda persuna teknika, sabiex jikkoordina jew jiċċertifika x-xogħlijiet ta' natura teknika. Irriżulta illi s-soċjetà Del Ponte ma kinitx f'pożizzjoni illi tiċċertifika xogħlijiet ta' natura teknika. **Il-Perit Paul Camilleri** ġie nkarigat biss wara illi bdew jitfaċċaw difetti fil-*cladding *tal-faċċata. Dan il-fatt ħadem kontra l-interessi taż-żewġ partijiet. Kienet ir-responsabbilità tas-sid illi jitqabbad bniedem kompetenti biex jissorvelja x-xogħlijiet, u kien fl-interess tal-kuntrattur illi jkollu min jiċċertifikalu x-xogħlijiet, biex jitħallas.*

*3) Illi ż-żewġ kuntratti in kwistjoni huma ta' kwalità fqira fin-natura tagħhom. L-Arbitru huwa tal-fehma illi kieku persuna ta' natura teknika kienet involuta biex tagħti pariri tekniċi, qatt ma kienet ser taċċetta dawn it-tipi ta' kuntratti.*

*I. L-ewwel nett id-deskrizzjoni tal-*items *hija vaga ħafna, ma ġewx* itemized, *mingħajr* unit rates, *kwantitajiet u speċifikazzjonijiet;*

*II. Illi l-ewwel kuntratt (fn. 17 Dok. ADBP 901) kien ibbażat fuq stima vaga, li ssemmi biss l-*items *b'mod ġeneriku. Dan kollu kien qiegħed isir bejn* ***Joe Vella ta' Avantgarde Projects Ltd., u Joe Schembri, għal KPMG.*** *L-Arbitru jistaqsi jekk ir-riżultanti kuntratt iffirmat fis-26 ta' Jannar, 2009, kienx qiegħed jiġi offrut bħala* lump sum. *Il-mod kif huwa propost il-kuntratt, ma jiħux in konsiderazzjoni ħafna affarijiet, jekk per eżempju jinbidlu l-kwantitajiet fuq il-pjanti oriġinali, liema kuntratt ma jagħmel l-ebda referenza għal pjanti u* detailining drawings. *Jekk minn naħa l-oħra ma jsirux xi* items, *bħal kif fil-fatt irriżulta, kif jista' jkun kwantifikat il-valur ta' dawk l-*items*;*

*III. Il-kuntratti, kif ippreżentati, ma jagħmlu referenza għall-ebda* standards of practice, *u li ma ġewx speċifikati multi jew konsegwenza għat-tlestija tard tal-istess proġett wara l-31 ta' Mejju, 2009.*

*IV. Dan it-tip ta' speċi kuntratt kien dejjem ser jirriżulta f'diżgwid, u fi problemi. Ma jissemma xejn dwar jekk il-pagamenti kellhomx ikunu marbuta mal-progress tax-xogħol, u jekk l-istess xogħol kellux jitkejjel, minn min, u jekk kellhiex toħroġ xi* interim snag list *minn xi eventwali* project manager. *Ma ġiex ippruvat illi kien hemm* project manager *fuq is-sit, jew xi persuna illi tieħu ħsieb l-interessi ta' Del Ponte.*

*V. Il-kuntrattur intrabat illi kien responsabbli għal materjali u l-inġenji kollha, biex ix-xogħol jitlesta fil-ħin.*

*VI. F'dan il-kuntratt ma jissemma xejn dwar* preliminaries, *li normalment jistgħu jinkludu* site office, preparation of site, *u* Health and Safety. *Dawn, normalment ikunu* charged *bħala* items *separati. Iżda f'dan il-kuntratt ma ġewx indikati.*

*VII. Fit-tieni kuntratt iffirmat fil-****21 ta' Novembru, 2009*** *u ffirmat bejn* ***Avantgarde Projects Ltd u Del Ponte Ltd.,*** *u* ***jirrigwarda l-bini u l-kostruzzjoni tal-livell numru 5 l-Arbitru ma għandux kopja tal-kuntratti ffirmati mill-partijiet.*** *F'dan il-kuntratt, jissemmew għall-ewwel darba l-*preliminaries. *Il-madum tal-art huwa indikat bħala ta' qies 60 cms b'60cms. Fil-fatt il-partijiet kienu qablu illi dan kellu jsir ta' 80cms b'80cms.*

*VIII. F'dan il-kuntratt hemm indikat, il-valur tal-*items*, iżda bħal fl-ewwel kuntratt ma hemm l-ebda kwantitajiet u speċifikazzjonijiet u* standards of practice. *Dan ix-xogħol kellu jitlesta sal-aħħar ta' Frar 2010.*

*IX. Għall-bidu ta' Jannar 2010, daħal fl-istampa* ***Anthony Pace****, Partner ta' Del Ponte Ltd., u ħareġ mill-istampa Joe Schembri, illi miegħu ġew iffirmati ż-żewġ kuntratti.*

*X. Ma ġewx ippreżentati provi, kif kienu jsiru u fuq liema kriterju kienu jsiru l-ħlasijiet, ħlief għal* schedule *illi hemm fiż-żewġ kuntratti. Lanqas jekk kinitx issir ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet.*

*XI. Huwa indikat ukoll illi kull varjazzjoni tax-xogħlijiet mitluba mis-sid kellha ssir bil-miktub, u kkonfermata bil-miktub mill-kuntrattur. Il-kuntrattur intrabat illi jerġa' jagħmel ix-xogħlijiet kemm-il darba dawn ma jikkonformawx mal-pjanti u speċifikazzjonijiet. Il-problema hija illi mal-kuntratti, la hemm mehmuża pjanti u lanqas speċifikazzjonijiet.*

*XII. Kien biss għall-ħabta ta' April 2012 (fn. 18 Rapport tal-Perit Paul Camilleri datat l-4 ta' April, 2012) illi intalbet l-opinjoni professjonali tal-**Perit Paul Camilleri**. L-istess perit kien inkarigat jipproduċi* snag list *(fn. 19 Datata t-13 ta' Settembru, 2012). Sa dak iż-żmien kienu żviluppaw ħafna difetti fix-xogħlijiet illi kienu wettqu Avantgarde.*

*10. L-arbitraġġ odjern huwa dwar ħlasijiet żejda illi kemm KPMG, u kemm Del Ponte Ltd ħallsu lil Avantgarde. Xogħol l-arbitru ġie reż aktar diffiċli minħabba illi l-*Bill of Quantities *ippreżentati waqt il-ġbir tal-provi ma humiex ta' kwalità teknika aċċettabbli, bi kwantitajiet, u pjanti mehmuża li jindikaw fejn saru x-xogħlijiet. L-arbitraġġ huwa wkoll dwar xogħlijiet illi ma sarux skont is-sengħa u l-arti. L-items tax-xogħlijiet in kontenzjoni huma ta' żewġ tipi:*

*a) Items illi fil-fatt ma għamilx Avantgarde iżda għamluhom terzi, u għalhekk ma għandux jitħallas tagħhom Avantgarde;*

*b) Xogħlijiet illi ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk għandu jsir xi tnaqqis biex jirrifletti dan, jew illi ma jitħallsux kompletament. Qamet il-kwestjoni wkoll dwar il-*preliminaries *(fn. 20 Dok. JVAF 09) introdotti fit-tieni kuntratt, u senjatament dwar it-*tower crane. *L-Arbitru osserva illi ma nġabux provi dwar* site supervision, *illi normalment tkun parti mill-ispejjeż assorbiti fir-rati tal-kuntratt, l-istess għal* overheads *u ma nġabux provi dwar il-*Health and Safety. *L-Arbitru huwa tal-fehma illi l-kuntrattur, li f'dan il-każ kien Avantgarde Projects Ltd., kien responsabbli għal inġenji illi kellu bżonn biex jagħmel ix-xogħlijiet, u t-*tower crane *ma jagħmilx parti mill-*preliminaries, *u jekk dan kien il-każ, kellha tiġi speċifikata l-kirja tal-istess* tower crane. *Madanakollu l-esponent jifhem illi sa dan iż-żmien, kien ċar illi l-kuntrattur ma setax jaħdem b'*mobile crane *minħabba l-kwistjoni l-iskola u għalhekk hija l-opinjoni tal-esponent, illi għandu jiġi kkompensat parzjalment għall-ispiża tal-kirja tat-*tower crane.

*ċ) Illi fin-nuqqas ta' persuna teknika inkarigata minn Del Ponte, ħadhaf'idejh biex **Anthony Pace** biex jiddeċiedi, jekk:*

*i. Liema xogħlijiet ma sarux;*

*ii. Liema xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti;*
*iii. Jekk, u kemm għandu jsir tnaqqis fil-prezz tax-xogħol biex jirrifletti dan;*
*iv. Jekk kellhomx jitqabbdu terzi biex jirranġaw, jew japplikaw soluzzjonijiet alternattivi għax-xogħlijiet illi allegatament ma kinux saru skont is-sengħa u l-arti.*
*v. Min kellu jagħmel tajjeb għall-ħsarat illi għamel il-kuntrattur wara illi dan ħadem wara Avantgarde, tenut tal-fatt illi ma kienx hemm pjanti li jikkordinaw ix-xogħlijiet kollha, mill-bidu tal-proġett. Din il-koordinazzjoni kienet nieqsa mill-bidu nett, meta ttieħdet id-deċiżjoni illi KPMG rappreżentata minn* ***Joe Schembri*** *imbagħad Del Ponte Ltd ukoll rappreżentata minn* ***Joe Schembri*** *<u>iddeċidew illi jħallu kollox f'idejn Avantgarde</u>. Illi kien il-kuntrattur, illi l-għan tiegħu kien illi jagħmel ix-xogħlijiet u jitħallas. Ma jidhirx illi kien hemm kontroll tal-ħlasijiet vis-à-vis l-progress tax-xogħol.*

***Punti in Kontenzjoni***

*L-Arbitru wara illi kkonsidra l-provi miġjuba quddiemu jiddeċiedi illi:*

- *L-items ta' xogħol in kontenzjoni huma:*

  1) *Il-*cladding *tal-faċċata illi wara xhur beda jiddistakka minn mal-faċċata. Dan skont l-esponent kien riżultat ta' diversi fatturi, illi jinkludi, it-tip ta' kolla, nuqqas ta' introduzzjoni ta'* expansion joints, *dettaljar adegwat, u l-istruttura portanti sekondarja.*
  2) *Illi parti mill-madum tal-art li tqiegħed ma kienx tal-istess daqs tal-madum illi fuqu kien hemm qbil, illi minflok qies ta' 80cms b'80cms tqiegħed madum ta' 40cms b'80cms;*
  3) *Il-fatt illi rriżulta ingress ta' ilma tax-xita minn diversi bnadi tal-binja, u dan kellu jiġi rranġat minn terzi, anki wara li kien hemm tentattiv biex jiġi rranġat minn Avantgarde;*
  4) *Punti dwar* preliminaries, *ħlasijiet ta'* tower crane *u taraġ tal-ħadid;*
  5) *Dwar il-każ, u l-metodu ta' kif kuntratturi terzi kellhom jiġu inkarigati biex jirranġaw xogħlijiet illi ma sarux skont is-sengħa u l-arti minn Avantgarde Projects Ltd.;*
  6) *Ħlasijiet illi fil-fatt kellu dritt għalihom il-kuntrattur meta jiġi meħud in konsiderazzjoni dawn il-punti kollha. Skont l-Arbitru x-xogħol kollu illi għamel Avantgarde, mertu ta' dan l-arbitraġġ, jammonta għal ammont kif indikat* ***f'Dok. MEX 1).***

***DEĊIŻJONI (AWARD)***

***TALBIET ATTRIĊI***

1. *Mill-provi prodotti, irriżulta illi s-soċjetajiet attriċi ma kellhomx triq oħra illi jqabbdu lil terzi, sabiex ikomplu x-xogħlijiet. Dan wara illi Avantgarde Projects Ltd abbandunat ix-xogħlijiet, wara illi s-soċjetajiet attriċi ma wettqux ħlasijiet addizzjonali wara illi kien allegat illi kienu saru diversi pagamenti lil Avantgarde aktar mill-valur tax-xogħlijiet illi kienet għamlet sa dik id-data;*
2. ***Il-valur tax-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà konvenuta jammontaw għal €434,142.89****, u dan wara illi l-Arbitru qies id-dinamika komplessa tal-każ. Dan mhux sempliċi każ ta'* accounting;
3. ***Jirriżulta għalhekk illi l-ammont ta' pagamenti eċċessivi mħallsa lil Avantgarde Projects Ltd jammontaw għal €35,857.11****;*
4. *Il-kwistjoni ta' privileġġ hija punt ta' natura legali, iżda għandu jirriżulta ta' natura legali faċli, wara l-konklużjonijiet preċedenti. Is-soċjetà attriċi ma setgħetx tkompli bl-i*status quo*, għaliex apparti kollox, id-danni sofferti setgħu jitilgħu ferm akbar;*
5. *Hija deċiżjoni arbitrali illi s-soċjetà konvenuta ma kisritx il-kuntratt ta' appalt, minħabba l-varjazzjonijiet u d-dinamika tax-xogħlijiet. Id-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-kuntratti ma kienx tort esklussiv tagħha, u kien jiddependi wkoll minn deċiżjonijiet erronji tas-soċjetajiet attriċi;*
6. *Hija deċiżjoni arbitrali illi uħud mix-xogħlijiet illi saru mis-soċjetà konvenuta ma kinux skont is-sengħa u l-arti;*
7. *Hija deċiżjoni arbitrali illi ma jirriżultawx danni in likwidazzjoni, u dan huwa rifless fl-eżerċizzju skont* ***Dok. MEX1****.*

***2.0 SPEJJEŻ TAL-ARBITRAĠĠ***

*Fid-dawl tad-deċiżjonijiet mogħtija l-Arbitru, u l-fatt illi s-soċjetà konvenuta naqset illi tħallas* fee order *datata l-24 ta' April, 2017, qed jordna illi l-ispejjeż ta' dan l-arbitraġġ jiġu addebitati skont is-segwenti:*

- *In kwantu għal nofs (1/2) tal-ispejjeż akkont tas-soċjetà rikorrenti;*
- *In kwantu għal nofs (1/2) tal-ispejjeż akkont tas-soċjetà intimata;*
- *Bl-ispejjeż skont it-taxxa hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok. X*** *illi għandha titqies illi tifforma parti integrali minn dan il-lodo."*

**L-Appell**

19. Is-soċjetà intimata ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fit-23 ta' Jannar, 2018, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex,

> *"... tħassar u tirrevoka għal kollox l-award mogħti in konnessjoni mal-Arbitraġġ Numru 3371/2012 fl-ismijiet premessi kkomunikat lis-soċjetà appellanta fit-8 ta' Novembru, 2017 (Dok. "A"), titlob li dina l-Onorabbli Qorti tipprovdi minflok billi tilqa' pjenament il-kontro-talbiet tas-soċjetà esponenti u tilqa' wkoll l-eċċezzjonijiet tagħha għat-talbiet tas-soċjetà Del Ponte Limited u kif ukoll tilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà esponenti għat-talbiet tas-soċjetà Del Ponte Limited u tiċħad għal kollox it-talbiet tal-istess soċjetà Del Ponte Limited.*
>
> *Bl-ispejjeż u bir-riserva ta' kull jedd li s-soċjetà esponenti tista' jkollha skont il-liġi."*

20. Is-soċjetà appellanta fl-ewwel lok qalet li ħassitha aggravata għaliex fil-fehma tagħha d-deċiżjoni appellata hija nulla u bla effett fil-liġi, stante li hija nieqsa minn kull motivazzjoni u spjegazzjoni meħtieġa skont il-liġi, u mingħajr ma ngħatat ebda raġuni, it-Tribunal naqas milli jippronunzja ruħu dwar il-kontrotalbiet tas-soċjetà appellanta, bi ksur kemm tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 218 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tad-drittijiet fundamentali tas-soċjetà appellanta għal smigħ xieraq kif garantiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319). Qalet li permezz ta' rikors imressaq minnha fit-22 ta' Novembru, 2017, hija talbet lit-Tribunal jagħti spjegazzjoni u tifsira tad-deċiżjoni fir-rigward tas-sitt punti hemm indikati, billi jiddikjara liema, fil-fehma tiegħu, kienu x-xogħlijiet li s-soċjetà appellanta m'għamlitx skont is-sengħa u l-arti u liema kien ix-xogħol li ġie abbandunat minnha, u fuq liema bażi legali t-Tribunal iddeċieda li l-s-soċjetà appellanta abbandunat ix-xogħol. Is-soċjetà appellanta qalet li mill-atti

rriżulta li hija ma kienet abbandunat l-ebda xogħol, u t-terzi ddaħħlu sabiex jagħmlu x-xogħlijiet ta' *finishes* fil-livelli 0, 1, 2 u 3, liema xogħlijiet is-soċjetà appellanta la qatt ingħatat l-inkarigu u lanqas kellha l-obbligu li twettaq. Qalet li hija wettqet ix-xogħlijiet kollha li kienet qablet li tagħmel, tant hu hekk li saħansitra għamlet xogħlijiet skont *final snag list,* u hija ma kinitx lesta li tidħol għal xogħlijiet addizzjonali qabel titħallas għal xogħlijiet li kienet diġà wettqet, għaliex huwa dritt sagrosant li wieħed jitħallas għax-xogħol li jkun wettaq. Qalet li hija kienet saħansitra reġgħet ramat *scaffolding* u rritornat fuq il-lant tax-xogħol madwar sena wara li kien tlesta x-xogħol, imma minkejja li talbet direzzjoni mingħand il-Perit Camilleri, din baqgħet qatt ma ngħatat. Is-soċjetà appellanta ppreċiżat li d-ditta Attard Brothers bdiet taħdem fuq il-proġett f'Mejju tal-2012, jiġifieri sena u nofs wara li l-soċjetà appellanta kienet lestiet ix-xogħol, u minkejja li hija kienet talbet għal direzzjoni mingħand il-Perit tas-soċjetà rikorrenti sabiex titwaqqaf il-ħsara, din id-direzzjoni baqgħet qatt ma ngħatat.

21. L-appellanta żiedet tgħid li t-Tribunal naqas milli jagħti spjegazzjoni dwar ċerti ċifri li wasal għalihom, fosthom ir-raġuni għalfejn it-Tribunal naqqas €2,500 għaż-żebgħa tal-ħitan minflok €1,257.66, kif hija kienet qablet li tnaqqas. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll fuq liema bażi t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li kellu jitnaqqas l-ammont ta' €29,000 għax-xogħol tad-dawl biss. Staqsiet ukoll għal liema raġuni t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li x-xogħol konness mat-twaqqigħ ta' ħitan u rimi ta' skart sewa €2,478, meta mill-provi kellu jirriżulta li dan sewa €3,342. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll fuq liema bażi t-Tribunal iddeċieda li hija kellha tagħmel tajjeb għall-ispiża relatata

mal-armar u t-tneħħija tat-*tower crane* fl-iskola tal-Pietà, meta hija ma kellha x'taqsam xejn ma' din id-deċiżjoni. Is-soċjetà appellanta staqsiet ukoll fuq liema bażi t-Tribunal ddeċieda li x-xogħol ta' tneħħija tal-*cladding* kellu jiswa €15,000, meta dan ix-xogħol ma kellux jieħu aktar minn jumejn, u fuq liema bażi t-Tribunal wasal għall-valur ta' €37,642 għal *partitions and apertures.* L-appellanta kkontestat ukoll id-deċiżjoni tat-Tribunal li ma jalloka l-ebda ħlas għall-*preliminaries,* meta d-dewmien fil-proġett ma kienx attribwibbli lilha. L-appellanta talbet għal spjegazzjoni wkoll dwar l-ammont għat-*tiling to NTU and Level 5 terrace,* li t-Tribunal ddeċieda li għandu jkun ta' €6,501 minflok €9,860, mingħajr ma spjega kif wasal għal dan it-tnaqqis. Dwar l-*extra works to facade cladding,* is-soċjetà appellanta qalet li hija talbet is-somma ta' €9,158.56, imma t-Tribunal m'għamel l-ebda riferiment għal dan ix-xogħol u għalhekk dan l-ammont tnaqqas fl-interità tiegħu. Kompliet tgħid li hija talbet ukoll l-ammont ta' €2,256.44 għal *extra works to interior,* liema ammont ma ġiex likwidat u għalhekk ġie miċħud mit-Tribunal, mingħajr ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għal dan. Is-soċjetà appellanta semmiet xogħol ieħor li hija talbet ħlas għalih u li ma sar l-ebda riferiment għalih mit-Tribunal, bħall-*extra works to gypsum* fl-ammont ta' €3,408.19, *small facade works carried out so far* fl-ammont ta' €8,742.39, u *aluminium apertures at level 5* fl-ammont ta' €9,398.24, fejn it-Tribunal iddeċieda li għandu jitħallas l-ammont ta' €7,411.50 minflok. Is-soċjetà appellanta qalet li t-Tribunal m'għamel l-ebda riferiment lanqas għal *drilling of holes at basement re new lift,* li għalih is-soċjetà appellanta talbet l-ammont ta' €350, għat-talba ta' €250 għal *extra hire of scaffolding,* is-somma ta' €250 għal *repairs to membrane in area done previously by third party,* u t-tnaqqis ta' €1,030 u ta' €2,545 rispettivament

mill-ammont mitlub minnha għal *survey fees* u *waterproofing of facade facing school.*

22. Is-soċjetà appellanta qalet li għad li permezz tar-rikors tagħha tat-22 ta' Novembru, 2017 *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.* tal-Kap. 387, it-Tribunal intalab jagħti spjegazzjonijiet u tifsiriet fir-rigward tal-lodo arbitrali appellat, u kull fejn meħtieġ isewwi żbalji fid-deċiżjoni tiegħu, jew jagħti deċiżjoni addizzjonali dwar it-talbiet rikonvenzjonali magħmula minnha waqt il-proċedimenti arbitrali u li tħallew barra mid-deċiżjoni, it-Tribunal lanqas biss irreaġixxa għal dan ir-rikors, u għalhekk jidher li hija d-deċiżjoni komunikata lilha fit-8 ta' Novembru, 2017 li tikkostitwixxi ġudikat fil-konfront tal-partijiet. Is-soċjetà appellanta qalet li għalhekk kemm il-lodo arbitrali appellat kif komunikat lilha fit-8 ta' Novembru, 2017 u l-proċeduri kollha relatati mal-Arbitraġġ, ma jikkonformawx mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali u għalhekk jiksru d-drittijiet fundamentali tagħha għal smigħ xieraq kif garantiti kemm permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bl-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. L-appellanta qalet li tradizzjonalment, ir-regola ta' ġustizzja naturali ta' smigħ xieraq timporta d-dover li tingħata lill-partijiet l-opportunità raġonevoli li jressqu l-provi li jkunu jixtiequ jipproduċu u li jingħataw il-possibilità li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Qalet li maż-żmien żdiedu aspetti oħra tat-tematika, fosthom li l-partijiet jingħataw ir-raġuni għalfejn it-talbiet tagħhom ikunu qegħdin jiġu milqugħa jew miċħuda, kif ukoll il-prinċipju li kull motivazzjoni trid mhux biss tirriżulta mis-sentenza, iżda wkoll trid tkun adegwata. Is-soċjetà appellanta saħqet li l-motivazzjoni tas-sentenza kellha,

bħala minimu, tkun tali li tissodisfa lill-partijiet dwar il-korrettezza fattwali u ġuridika tar-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni. Is-soċjetà appellanta kompliet tgħid li proċeduralment d-deċiżjoni trid teżawrixxi t-talbiet kollha, kemm dawk oriġinali kif ukoll dawk rikonvenzjonali, u għalhekk għandu bilfors ikun hemm deċiżjoni finali li twassal għad-determinazzjoni tat-talbiet u tal-kontrotalbiet.

23. Fit-tieni aggravju tagħha s-soċjetà appellanta tgħid li ħasset ruħha aggravata b'dik il-parti tal-*award* fejn intqal li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda għażla oħra għajr li tqabbad lil terzi sabiex ikomplu x-xogħlijiet huma. Qalet li mhux minnu li hija abbandunat ix-xogħlijiet. Qalet li mill-atti proċesswali kellu jirriżulta li kien hemm żewġ kuntratti ta' appalt iffirmati f'Jannar u f'Novembru tal-2009, u ftit wara li beda x-xogħol is-soċjetà appellata kienet eskludiet ċertu xogħlijiet miftiehma fil-kuntratt oriġinali, wara li s-soċjetà appellata kienet inkarigat lill-appellanta tagħmel ċertu xogħol addizzjonali li ma kienx jifforma parti mill-inkarigu oriġinali. Is-soċjetà appellanta saħqet li bejn il-ftehim oriġinali u x-xogħol attwalment imwettaq minnha hemm diskrepanza ta' €95,787.75, u hija ma kinitx f'pożizzjoni li tkompli bix-xogħlijiet u tkompli tħallas għall-materjali u għall-pagi tal-ħaddiema u tas-sub-kuntratturi tagħha, ladarba s-soċjetà appellata naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha. Qalet li soċjetà appellata ma kinitx inkarigat lil terzi jkomplu x-xogħlijiet li dwarhom kienet kkuntrattat mas-soċjetà appellanta, iżda qabbdet lil terzi sabiex jagħmlu xogħlijiet addizzjonali li ma kinux jiffurmaw parti mill-appalt li kellha magħha. Qalet li s-soċjetà appellata għamlet żewġ *snag lists* rigward ix-xogħlijiet li kellhom isiru mis-soċjetà appellanta fuq inkarigu tas-soċjetà appellata, u mid-*decide* jirriżulta li s-

soċjetà appellanta ma kisritx il-kuntratt ta' appalt, minħabba l-varjazzjonijiet u d-dinamika tax-xogħol. Id-dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol ma kienx tort tagħha. Qalet li għalhekk dawn il-fatturi kellhom iwasslu biex it-Tribunal jilqa' l-kontrotalbiet tagħha u jikkundanna lis-soċjetà appellata tħallas dak dovut lilha.

24. Fit-tielet aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tgħid li ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni tat-Tribunal, meta kkonkluda li mill-provi prodotti is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda triq oħra għajr li tqabbad lil terzi, wara li s-soċjetà appellanta abbandunat ix-xogħlijiet, u wħud mix-xogħlijiet li saru mis-soċjetà appellanta ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u għalhekk wasal għall-konklużjoni li l-ammont ta' pagamenti eċċessivi mħallsa lis-soċjetà appellanta jammontaw għal €35,857.11. Spjegat illi li kieku seħħ verament dak li qiegħda tilmenta minnu s-soċjetà appellata, l-*award* huwa legalment żbaljat għaliex qatt ma kellhom jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1640(3) tal-Kap. 16, u għalhekk kellhom jiġu applikati l-provvedimenti kuntrattwali miftiehma bejn il-partijiet, jiġifieri li jitħallas il-korrispettiv għax-xogħol pattwit. Qalet li għalhekk anki jekk verament okkorrew il-fatti dikjarati mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu, dan kellu jwassal lit-Tribunal biex jordna li s-soċjetà appellata tħallas il-prezz tax-xogħol eżegwit u mhux li jikkundanna lis-soċjetà appellanta tħallas l-ammont ta' €35,857.11.

25. Fir-raba' aggravju tagħha, is-soċjetà appellanta tagħmel riferiment għall-fatt li t-Tribunal ordna li l-ispejjeż tal-arbitraġġ għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Qalet li skont id-deċiżjoni tat-Tribunal, hija ma kisritx il-

kuntratt ta' appalt, u għalhekk it-Tribunal applika d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223 tal-Kap. 12 erronjament.

## Ir-Risposta tal-Appell

26. Fir-risposta tal-appell tagħha, is-soċjetà appellata qalet li ladarba dan l-appell huwa wieħed domestiku u mhux mandatorju, appell minnu jista' jsir biss fuq punt ta' liġi *ai termini* tal-artikolu 70A tal-Kap. 387. Qalet li tliet aggravji minn erbgħa mhumiex fuq punt ta' liġi iżda fuq apprezzament ta' fatti, filwaqt li t-tielet aggravju huwa mlibbes bħala punt ta' liġi, għalkemm huwa punt ta' fatt ukoll. Qalet li għalhekk in linea preliminari hija qiegħda teċċepixxi li l-aggravji kollha għandhom jiġu miċħuda, u l-lodo arbitrali kkonfermat.

27. B'riferiment għall-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li appell minn lodo arbitrali mhux il-forum fejn għandhom jitqajmu lanjanzi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali. Spjegat li filwaqt li hija ma taqbilx li seħħ xi ksur ta' dawn id-drittijiet, is-soċjetà appellanta ma ressqitx il-proċedura idonea biex tqajjem il-lanjanza dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha. Is-soċjetà appellata qalet li l-lodo arbitrali jindirizza t-talbiet kontenuti fil-kontrotalba, u l-ewwel punt tad-deċiżjoni jindirizza proprju l-ewwel kontrotalba, jiġifieri li jiġi dikjarat li s-soċjetà appellata naqset mill-obbligi kuntrattwali tagħha meta rrifjutat li tħallas għax-xogħol imwettaq mis-soċjetà appellanta, u għalhekk ħallet il-kuntratt mingħajr raġuni valida. Is-soċjetà appellata qalet li fid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal għamilha ċara li s-soċjetà appellanta ma kellhiex triq oħra ħlief li tqabbad lil terzi sabiex jagħmlu

x-xogħlijiet wara li l-appellanta abbandunat ix-xogħlijiet, għaliex is-soċjetà appellata ma għamlitx ħlasijiet addizzjonali billi allegatament kienu saru pagamenti eċċessivi lis-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellata żiedet tgħid li fit-tielet punt tad-deċiżjoni mbagħad hemm miktub ċar u tond li s-soċjetà appellanta, għax-xogħlijiet li għamlet, tħallset €35,857.11 in eċċess, u għalhekk anki t-tielet talba ġiet deċiża mit-Tribunal. Is-soċjetà appellata spjegat li fit-tieni talba fil-kontrotalba, it-Tribunal ġie mitlub jistabbilixxi l-valur tax-xogħlijiet imwettqa mis-soċjetà appellanta, li fil-fehma tagħha kellu jammonta għal €434,142.89. Kompliet tgħid li ladarba ġie deċiż li s-soċjetà appellanta tħallset aktar mill-valur tax-xogħlijiet illi kienet għamlet, huwa loġiku li t-tielet talba tas-soċjetà appellanta kellha tiġi miċħuda. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk hija ma tistax tifhem għal liema raġuni s-soċjetà appellanta qiegħda tgħid li t-Tribunal naqas milli jippronunzja ruħu dwar il-kontrotalbiet tagħha.

28. Is-soċjetà appellata qalet li d-deċiżjoni appellata hija waħda motivata, anki jekk it-Tribunal ma qagħadx jidħol f'kull biċċa xogħol li saret, u ma ppronunzjax ruħu dwar kull ħaġa. Kompliet tgħid li mal-lodo tiegħu t-Tribunal inkluda lista spjegattiva tax-xogħlijiet sabiex ifiehem kif wasal għaċ-ċifri li wasal għalihom, u għalhekk ma jistax jintqal li l-lodo arbitrali mhuwiex motivat.

29. B'riferiment għat-tieni aggravju, is-soċjetà appellata qalet li dan mhuwa xejn għajr aggravju dwar apprezzament tal-fatti, għaliex is-soċjetà appellanta ma qablitx mal-apprezzament li għamel t-Tribunal. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għall-*affidavit* ta' Joseph Schembri, li spjega li s-soċjetà appellanta ma riditx tkompli bix-xogħlijiet jekk ma titħallasx ammont ulterjuri ta' €60,000, imma kien ġie deċiż mis-soċjetà appellata li din is-somma

m'għandhiex titħallas, għaliex hija kienet diġà ħallset lis-soċjetà appellanta l-ammont ta' €470,000. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal taha raġun meta rrileva li s-soċjetà appellanta kienet tħallset aktar minn biżżejjed għax-xogħol li għamlet. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li l-fatt li s-soċjetà appellanta kienet abbandunat ix-xogħlijiet, kellu jirriżulta mill-*affidavit* ta' Anthony Pace, li qal li s-soċjetà appellanta kienet qabdet u abbandunat ix-xogħlijiet. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment ukoll għall-*affidavit* ta' Joe Vella, li ammetta li huwa insista illi jekk ma jitħallasx is-somma pretiża minnu, huwa ma kienx lest li jkompli bix-xogħlijiet. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal aċċetta l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnha u mhux dik tas-soċjetà appellanta, u dan l-aspett tal-appell ma jistax ikun fattwali aktar milli hu, għaliex ma jinvolvi ebda punt ta' liġi. Is-soċjetà appellata qalet li t-Tribunal iddeċieda li l-valur tal-ħlasijiet li saru mis-soċjetà appellata, kienu jeċċedu l-valur tax-xogħol esegwit mis-soċjetà appellanta, b'€35,857.11, u għalhekk l-argument tas-soċjetà appellanta li hija ma komplietx bix-xogħlijiet għaliex ippretendiet li jsiru aktar pagamenti, ma jistax jiġi aċċettat. Qalet ukoll li mill-provi rriżulta li s-soċjetà appellanta ma kellha l-ebda raġuni għalfejn ma tkomplix bix-xogħlijiet, u kien proprju għalhekk li dak li talbet fil-kontrotalba ma ġiex milqugħ, għaliex hija s-soċjetà appellanta li għandha tirrifondi lis-soċjetà appellata, u mhux bil-kontra.

30. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-soċjetà appellanta, is-soċjetà appellata qalet li dan ukoll mhux punt ta' liġi, iżda punt ta' fatt imlibbes bħala punt ta' liġi, u għalhekk għandu jiġi miċħud. Qalet li mhux ikkontestat li parti mill-appalt kien jinkludi li jsir *cladding* tal-irħam mal-faċċata kollha tal-binja, u li l-irħam li twaħħal beda jaqa', u għalhekk ix-xogħol kellu jinħatt u jsir minn

ħaddieħor. Qalet li minkejja dan, is-soċjetà appellanta qiegħda tippretendi li ladarba hija għamlet ix-xogħol, anki jekk jirriżulta li dan ma sarx skont l-arti u s-sengħa, hija kellha titħallas tiegħu. Kompliet tgħid li lanqas il-pretensjoni tas-soċjetà appellanta li ma kellux jiġi applikat l-artikolu 1640 tal-Kap. 16 għal dan il-każ ma jagħmel sens, għaliex is-soċjetà appellanta abbandunat l-appalt mingħajr ma kellha raġuni valida tagħmel hekk, u għalhekk kellu jirriżulta li s-soċjetà appellata kellha raġun ma tgħaddix aktar flejjes, għaliex kienet ħallset aktar mill-valur tax-xogħlijiet utili li fil-fatt saru.

31. B'riferiment għar-raba' aggravju tagħha, l-appellata qalet li fil-fehma tagħha hija żgur li ma kellhiex tbati nofs l-ispejjeż tenut kont li t-talbiet tas-soċjetà appellanta ġew miċħuda kollha, filwaqt li t-talbiet tagħha ġew milqugħa, għaliex fil-fatt ġiet likwidata somma flus favur tagħha. L-appellata kkonkludiet billi staqsiet kif tista' s-soċjetà appellanta tippretendi li ma tħallasx spejjeż ladarba ġie deċiż li s-soċjetà appellanta kienet abbandunat ix-xogħol u li wħud mix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

32. Il-Qorti kkonsidrat l-eċċezzjoni preliminari mqajma mis-soċjetà appellata, dik li wħud mill-aggravji sollevati mis-soċjetà appellanta huma fuq punti ta' fatt u mhux fuq punti ta' liġi, u għalhekk l-appell tas-soċjetà appellanta għandu jiġi ddikjarat null. Il-Qorti tqis li l-aggravju ewlieni sollevat mis-soċjetà appellanta, ċjoé l-ewwel aggravju tagħha, huwa purament fuq punt ta' dritt, għaliex qiegħed jiġi allegat li t-Tribunal injora għalkollox ir-rikors

imressaq minnha *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.* tal-Kap. 387 sabiex tingħata tifsira tad-deċiżjoni arbitrali, u għalhekk hija temmen li ma saritx ġustizzja magħha. Għaldaqstant il-Qorti sejra tindirizza l-aggravji li ġew imqajma, partikolarment wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u minn fejn jirriżulta li l-ebda parti fil-kawża mhija sodisfatta bil-lodo arbitrali, b'kull parti li għandha r-raġunijiet tagħha għalfejn tgħid dan. Qabel ikkonsidrat l-aggravji sollevati, il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti tal-arbitraġġ, partikolarment tax-xhieda li ngħatat, tal-korrispondenza li kien hemm bejn il-partijiet, id-diversi fatturi esebiti u l-pretensjonijiet li l-partijiet ressqu fil-konfront ta' xulxin tul is-snin. Il-Qorti qieset ukoll li l-kuntratti ta' appalt inkwistjoni ġew iffirmati wieħed f'Jannar u l-ieħor f'Novembru tal-2009, aktar minn tnax-il sena ilu, u minkejja li l-partijiet irrikorrew għal proċeduri ta' arbitraġġ, naturalment bil-ħsieb li l-pendenzi bejniethom ma jdumux ma jiġu riżolti, il-kwistjoni bejniethom għadha mhix definittivament riżolta. Il-Qorti qieset ukoll dak li kellu xi jgħid it-Tribunal dwar il-kwalità tal-kuntratti li ġew iffirmati mill-partijiet u dwar il-mod kif ġie eżegwit ix-xogħol, partikolarment dwar il-fatt li l-ebda persuna teknika ma ġiet inkarigata biex tissorvelja l-proġett, u għalhekk ma kien hemm ħadd li seta' jiċċertifika x-xogħlijiet sabiex il-kuntrattur ikun jista' jitħallas, il-fatt li l-kuntratti kienu neqsin minn *itemization, unit rates,* kwantitajiet u speċifikazzjonijiet, il-fatt li l-istima fl-ewwel kuntratt hija waħda pjuttost vaga, il-fatt li l-kuntratti ma jispeċifikawx jekk il-ħlas kellux ikun marbut mal-progress fix-xogħol, jekk ix-xogħol kellux jitkejjel u minn min, jekk kellhiex toħroġ *snag list* fl-aħħar jew inkella meta jidhru difetti apparenti, jekk kellux ikun hemm *project manager* fuq is-sit, u l-fatt li l-kuntratti ma jinkludu l-ebda pjanti u speċifikazzjonijiet. Dan il-Qorti kollu qisitu u fehmet ukoll li għalhekk kien

hemm diffikultajiet prattiċi li sab it-Tribunal meta ġie biex jagħti l-lodo tiegħu. Problema oħra li sab it-Tribunal, kienet għaliex il-*bills of quantities* li ġew ippreżentati, fil-fehma tiegħu ma kinux aċċettabbli. Madanakollu t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li l-kontenzjoni bejn il-partijiet hija fuq żewġ binarji, rigward ix-xogħol li sar minn terzi u li għalhekk il-ħlas tiegħu m'għandux isir lis-soċjetà appellanta, u rigward ix-xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti li ukoll is-soċjetà appellanta m'għandiex titħallas tiegħu.

*L-ewwel aggravju: [lodo arbitrali null u bla effett]*

33. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ħasset ruħha aggravata bil-lodo arbitrali għaliex dan huwa nieqes minn kull motivazzjoni u spjegazzjoni. Qalet li wara li ngħata l-lodo arbitrali tat-8 ta' Novembru, 2017, hija ppreżentat rikors fit-22 ta' Novembru, 2017 fejn talbet lit-Tribunal jispjega kif wasal għall-konklużjoni li x-xogħol ma sarx mis-soċjetà appellanta skont is-sengħa u l-arti, u li din abbandunat ix-xogħol. Is-soċjetà appellanta insistiet li hija għamlet ix-xogħol kollu skont il-ftehim li kellhom bejniethom il-partijiet, u saħansitra għamlet ix-xogħol riparatorju li ntalbet tagħmel skont *snag list* li ġiet ippreżentata lilha mis-soċjetà appellata, imma hija ma riditx tagħmel xogħol addizzjonali li kienet taf li ma kinitx ser titħallas tiegħu. Qalet li ladarba hija ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni dwar il-mod kif it-Tribunal wasal għal ċerti ċifri, hija ppreżentat rikors fit-22 ta' Novembru, 2017 u talbet spjega dwar il-mod kif it-Tribunal wasal biex inaqqas ċerti ammonti mill-pretensjonijiet tagħha, jew dwar il-mod kif it-Tribunal rrifjuta li jilqa' t-talbiet tagħha għall-ħlas. Is-soċjetà appellanta spjegat li hija ressqet dan ir-rikors *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.*

tal-Kap. 387, fit-terminu stipulat mil-liġi, imma minkejja dan hija baqgħet mingħajr risposta mit-Tribunal. Kien meta għadda t-terminu ta' ħamsa u erbgħin ġurnata li t-Tribunal kellu sabiex iressaq ir-risposta tiegħu għar-rikors tal-appellanta, li hija ressqet dan l-appell mil-lodo arbitrali mogħti fit-8 ta' Novembru, 2017. Waqt it-trattazzjoni, is-soċjetà appellata argumentat li s-soċjetà appellanta ma tatx biżżejjed żmien lit-Tribunal biex iwieġeb għar-rikors tagħha, u li bl-intavolar ta' dan ir-rikors tal-appell, kienet is-soċjetà appellanta stess li rrendiet il-lodo arbitrali mogħti fit-8 ta' Novembru, 2017 wieħed finali.

34. Il-Qorti kkunsidrat li l-lodo arbitrali ngħata fit-8 ta' Novembru, 2017, u fit-22 ta' Novembru, 2017 is-soċjetà appellanta ressqet rikors fejn talbet lit-Tribunal jagħti għadd ta' spjegazzjonijiet dwar il-lodo arbitrali, partikolarment dwar iċ-ċifri li wasal għalihom, u dwar il-mod kif wasal għal-likwidazzjoni tal-ammont li għandu jitħallas lis-soċjetà appellata. Ir-rikors tal-appell odjern ġie ppreżentat fit-23 ta' Jannar, 2018, jiġifieri wara li kien għadda t-terminu massimu ta' ħamsa u erbgħin ġurnata li fih it-Tribunal kellu jressaq ir-risposta tiegħu bl-ispjegazzjonijiet mitluba minnu.

35. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal, għalkemm kien ippresedut minn perit arkitett, dan kellu diversi diffikultajiet biex jaqdi l-inkarigu tiegħu, mhux lanqas il-mod kif il-partijiet fil-kawża għażlu li jirregolaw ir-relazzjoni ta' bejniethom. Huwa minnu li l-ftehim bejn il-partijiet kien skars minn ċerti dettalji, u matul il-proċeduri tal-arbitraġġ tressqu diversi fatturi u ġew esebiti diversi dokumenti li rrendew il-kompitu tat-Tribunal wieħed ferm aktar laborjuż u diffiċli. Madanakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax li t-Tribunal ċertament li wasal għaċ-ċifra li għandha titħallas mis-soċjetà appellanta lis-soċjetà appellata

abbażi ta' konsiderazzjonijiet li huwa għamel, liema konsiderazzjonijiet però ma ġewx inklużi fil-lodo arbitrali tiegħu. F'dan ir-rigward għandha raġun is-soċjetà appellanta tilmenta li d-deċiżjoni arbitrali mhijiex motivata biżżejjed, u kienet ġustifikata wkoll tippreżenta rikors *ai termini* tal-artikolu 47 *et seq.* tal-Kap. 387 sabiex it-Tribunal jagħti l-ispjegazzjonijiet mitluba fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut kif ġie stabbilit minnu. Fil-konklużjoni tiegħu t-Tribunal qal li l-eżerċizzju li għamel ma kienx wieħed ta' sempliċiment kalkolu matematiku, iżda kien eżerċizzju ferm aktar dettaljat minn hekk. Huwa għalhekk li din il-Qorti sejra tinbagħat lura l-atti quddiem it-Tribunal peress li dan għandu għarfien sħiħ tal-punti tekniċi mqajma mill-partijiet, u għandu jkun f'pożizzjoni li jagħti motivazzjonijiet dettaljati dwar kif huwa wasal għaċ-ċifri stabbiliti fil-lodo arbitrali. Il-Qorti qiegħda tieħu din id-deċiżjoni wara li qieset li mingħajr motivazzjoni xierqa u mingħajr l-inklużjoni tal-konsiderazzjonijiet li wasslu li għad-deċiżjoni tiegħu, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' tkun konvinta mir-raġunijiet li abbażi tagħhom it-Tribunal iddeċieda kif iddeċieda. Huwa minnu li ġew *itemized* xi xogħlijiet, iżda bħala minimu t-Tribunal kellu jgħid għal liema raġuni fil-fehma tiegħu huwa kellu jiddipartixxi miċ-ċifri msemmija fid-dokumenti ppreżentati bħala prova u mill-pretensjonijiet tal-partijiet. Għaldaqstant tqis illi dan l-aggravju huwa ġustifikat, u tilqgħu. Il-Qorti qiegħda tagħti direzzjoni li l-atti għandhom jintbagħtu lura lit-Tribunal sabiex dan jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu.

*It-tieni aggravju:* *[l-Arbitru qal li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda għażla għajr li tqabbad lil terzi sabiex ilestu x-xogħlijiet]*

36. Is-soċjetà appellanta qalet li hija ħasset ruħha aggravata bid-deċiżjoni appellata, minħabba l-mod kif it-Tribunal ikkonkluda li s-soċjetà appellata ma kellha l-ebda għażla għajr li tqabbad lil terzi jlestu x-xogħol li kien abbandunat mis-soċjetà appellanta. Tinsisti li hemm diskrepanza favur tagħha ta' €95,787.75 bejn il-ftehim oriġinali u x-xogħlijiet attwalment imwettqin minnha, u għalhekk hija ma kinitx aktar f'qagħda li tkompli tħallas għax-xogħol, għall-materjal u għall-pagi tal-ħaddiema inkarigati minnha, sakemm ma tirċevix ħlas addizzjonali mingħand is-soċjetà appellata.

37. Is-soċjetà appellata wieġbet li s-soċjetà appellanta qanqlet dan l-aggravju għaliex ma qablitx mal-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, billi dan iddeċieda li s-soċjetà appellanta tħallset aktar milli suppost għax-xogħol li kienet għamlet. Il-linja difensjonali li ntużat waqt it-trattazzjoni kienet illi kieku t-Tribunal għaraf jimmotiva d-deċiżjoni tiegħu, aktarx li l-partijiet ma kinux jispiċċaw quddiem il-Qorti, għaliex almenu kienu jkunu jafu għal liema raġuni s-soċjetà appellanta kienet qiegħda tintalab tħallas €35,000 lis-soċjetà appellata.

Il-Qorti tqis li ġaladarba sejra tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta u tibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti l-ispjegazzjonijiet mitluba permezz tar-rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru, 2017 mis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.* tal-Kap. 387, hija għandha f'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

*It-tielet aggravju:* *[l-Arbitru kien żbaljat meta ddeċieda li kien hemm abbandun tax-xogħlijiet, li wħud mix-xogħlijiet ma*

> *sarux skont is-sengħa u l-arti u li għandu jkun hemm pagament lura lis-soċjetà appellanta fl-ammont ta' €35,857.11]*

38. Is-soċjetà appellanta qalet li kieku verament kien hemm abbandun tax-xogħol, jew xogħol li ma sarx skont is-sengħa u l-arti, l-*award* huwa żbaljat għaliex ma kienx ikun hemm għalfejn jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1640 (3) tal-Kap. 16, iżda kien ikollhom jiġu applikati l-provvedimenti kuntrattwali stabbiliti bejn il-kontendenti, jiġifieri li jitħallas il-korrispettiv għax-xogħol pattwit.

Il-Qorti tqis li ġaladarba sejra tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta u tibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti l-ispjegazzjonijiet mitluba permezz tar-rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru, 2017 mis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.* tal-Kap. 387, hija għandha f'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

*Ir-raba' aggravju:* *[dwar l-ispejjeż]*

40. Is-soċjetà appellanta qalet li ħassitha aggravata minħabba l-mod kif saret l-ispartizzjoni tal-ispejjeż, wara li t-Tribunal iddeċieda li l-ispejjeż għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Qalet li ladarba t-Tribunal kkonkluda li hija ma kinitx kisret il-kuntratt ta' appalt, dan ma kellux jiddeċiedi li hija kellha tagħmel tajjeb għal nofs l-ispejjeż tal-arbitraġġ. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha wieġbet li lanqas hi ma taqbel mal-mod kif saret l-ispartizzjoni tal-ispejjeż, u qalet li hija żgur li ma kellhiex tbati nofs l-ispejjeż

ladarba ġie deċiż li kienet is-soċjetà appellanta li abbandunat ix-xogħol u li parti mix-xogħlijiet ma sarux skont is-sengħa u l-arti.

41. Il-Qorti tqis li ġaladarba sejra tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta u tibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal sabiex dan jagħti l-ispjegazzjonijiet mitluba permezz tar-rikors ippreżentat fit-22 ta' Novembru, 2017 mis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-artikoli 47 *et seq.* tal-Kap. 387, hija għandha f'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-aggravju.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi:**

**a. tastjeni milli f'dan l-istadju tieħu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet, u r-raba' aggravvju tas-soċjetà appellanta;**

**b. tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta, u għal dan il-għan qiegħda tibgħat lura l-atti quddiem it-Tribunal, sabiex fi żmien tletin ġurnata mid-data ta' din is-sentenza, iwieġeb bil-miktub għad-domandi sollevati mis-soċjetà appellanta fir-rikors tagħha tat-22 ta' Novembru, 2017;**

**ċ. tirriverti lill-partijiet għall-i*status quo ante* immedjatament qabel ma beda jiddekorri t-terminu għall-appell odjern.**

**Spejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**